SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

18 ta' Settembru 2012 *

"Varjetajiet ta' pjanti — Deċiżjoni ta' aġġustament ex officio tad-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà LEMON SYMPHONY — Applikazzjoni għar-revoka tad-drittijiet fil-Komunità mogħtija lill-varjetà LEMON SYMPHONY — Applikazzjoni għall-annullament tad-drittijiet fil-Komunità mogħtija lill-varjetà LEMON SYMPHONY — Applikazzjoni għal drittijiet fil-Komunità mogħtija lill-varjetà SUMOST 01 — Sejħa għall-proċedura orali quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO — Terminu għad-dehra ta' mill-inqas xahar"

Fil-Kawżi magħquda T-133/08, T-134/08, T-177/08 u T-242/09,

Ralf Schräder, residenti f'Lüdinghausen (il-Ġermanja), irrappreżentat minn T. Leidereiter u W.-A. Schmidt kif ukoll, fil-Kawżi T-133/08 u T-134/08, minn T. Henssler, avukati,

rikorrent,

vs

L-Uffiċċju tal-Komunità ta' Varjetajiet ta' Pjanti (CPVO), irrappreżentat inizjalment minn B. Kiewiet u M. Ekvad, sussegwentement minn M. Ekvad, bħala aġenti, assistiti minn A. von Mühlendahl, avukat, u fil-Kawża T-242/09, minn A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali hija

Jørn Hansson, residenti f'Søndersø (id-Danimarka), irrappreżentat minn G. Würtenberger u R. Kunze, avukati,

li għandhom bħala suġġett, fil-Kawża T-133/08, rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 007/2007), dwar kontestazzjoni tad-deċiżjoni ta' aġġustament *ex officio* tad-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà LEMON SYMPHONY fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti; fil-Kawża T-134/08, rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 006/2007), dwar talba għall-annullament tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħtija lill-varjetà LEMON SYMPHONY; fil-Kawża T-177/08, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 005/2007), dwar applikazzjoni għal drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għall-varjetà SUMOST 01, u, fil-Kawża T-242/09, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tat-23 ta' Jannar 2009 (Każ A 010/2007), dwar talba għall-annullament tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħtija lill-varjetà LEMON SYMPHONY,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

komposta minn N. J. Forwood (Relatur), President, F. Dehousse u J. Schwarcz, Imħallfin,

Reġistratur: C. Heeren, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Frar 2012,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 Skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, tas-27 ta' Lulju 1994, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol 16, p. 390, iktar 'il quddiem ir-"Regolament"):

"1. Varjetajiet ta' ġeneru u speċi botaniku, inkluż, fost oħrajn, taħlit bejn ġenera u speċi, jistgħu jiffurmaw l-iskop tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, 'varjetajiet' għandha tittieħed li tiftiehem grupp ta' pjanti fi ħdan klassifika botanika unika ta' l-aktar speċi baxxa magħrufa, liema grupp, irrispettivament jekk il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti jkunux milħuqa kollha kemm huma, jistgħu jkunu:

— definiti bl-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip stabbilit jew taħlita ta' ġenotipi,

— distinti minn gruppi oħra ta' pjanti bl-espressjoni ta' għall-anqas wieħed mill-imsemmija karatteristiċi, u

— ikkunsidrati bħala waħda f'dak li jirrigwarda l-kapaċità tagħha li tiġi propagata mingħajr tibdil."

2 Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament, id-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti għandhom jingħataw għall-varjetajiet li huma distinti, uniformi, stabbli u ġodda. Il-kriterji ta' distintività, ta' uniformità u ta' stabbilità huma normalment espressi permezz tal-akronimu Ingliż DUS (Distintività, Uniformità, Stabbilità).

3 Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament:

"Varjetà tkun meqjusa li tkun distinta jekk tkun distingwibbli b'mod ċar b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip partikolari jew taħlita ta' ġenotipi, minn kull varjetajiet oħra li l-eżistenza tagħha jkun fatt li jafu kulħadd fid-data ta' l-applikazzjoni stabbilita bis-saħħa ta' l-Artikolu 51."

4 Il-kriterji ta' uniformità, ta' stabbilità u ta' oriġinalità huma ddefiniti rispettivament fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Proċeduri amministrattivi quddiem is-CPVO

5 Fil-5 ta' Settembru 1996, l-intervenjent, J. Hansson, ippreżenta applikazzjoni għal dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità quddiem l-Uffiċċju tal-Komunità ta' Varjetajiet ta' Pjanti (CPVO), abbażi tar-Regolament. Din l-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru 1996/0984. Il-varjetà veġetali li ntalab id-dritt għaliha hija l-varjetà LEMON SYMPHONY, li tappartjeni lill-ispeċi *Osteospermum ecklonis*.

6 Din il-varjetà kienet diġà s-suġġett ta' applikazzjoni għall-ksib ta' titolu ta' dritt fil-Ġappun, fl-1994, mill-persuna li rabbietha, Masayuki Sekiguchi. Fil-"lista ta' karatteristiċi tal-varjetà", tat-18 ta' April 1994, imfassla f'dik l-okkażjoni, it-Taqsima "Forma tal-pjanta b'mod globali" kienet ingħatat il-marka ta' 5, li tikkorrispondi għal "medja".

7 Is-CPVO inkariga lill-Bundessortenamt (Uffiċċju Federali ta' Varjetajiet ta' Pjanti, il-Ġermanja) sabiex jagħmel eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY, b'mod konformi mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament.

8 B'ittra tas-6 ta' Novembru 1996, il-Bundessortenamt talab lis-CPVO sabiex jipprovdilu l-materjal veġetali tal-LEMON SYMPHONY bil-għan li jwettaq l-eżami tekniku. L-ittra msemmija kienet tispeċifika li dan kellu jikkonsisti f'"20 pjanta żgħira ta' kwalità kummerċjabbli, mhux maqtugħin u mhux ittrattati b'regolaturi ta' tkabbir".

9 L-intervenjent bagħat il-materjal veġetali mitlub lill-Bundessortenamt fl-10 ta' Jannar 1997.

10 B'ittra tat-13 ta' Jannar 1997, iffirmata minn Dr. Menne, membru tal-persunal tal-Bundessortenamt inkarigat mill-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY, il-Bundessortenamt indika s-segwenti lis-CPVO:

"B'mod konformi mat-tieni paragrafu tal-punt II tal-protokoll tekniku tas-CPVO dwar l-eżami tal-karatteristiċi distintivi, tal-uniformità u tal-istabbilità, ninformawkom li l-materjal ta' multiplikazzjoni tal-varjetà inkwistjoni msemmija li ntbagħat lilna jikkonsisti fi pjanti intiżi għall-bejgħ, b'rimja, li ġew ittrattati b'regolaturi tat-tkabbir u maqtugħin. Għalhekk, l-iżvolġiment tajjeb tal-eżami tekniku jidher li huwa mhedded."

11 Madankollu, l-eżami tekniku twettaq iktar tard matul l-1997, mingħajr ma l-Bundessortenamt ma jista' jikkonferma llum jekk dan kienx jirrigwarda direttament il-materjal veġetali mibgħut mill-intervenjent jew rimjiet miksuba minn dan il-materjal, hekk kif jidher li tikkonferma nota miktuba bl-idejn fit-30 ta' Jannar 1997 li tidher fil-fajl, li tgħid is-segwenti: "Il-Bundessortenamt għamel rimjiet, stenna, TK 30/01/97." Matul dan l-eżami tekniku, li twettaq abbażi tat-"tabella tal-karatteristiċi VI" tal-Bundessortenamt tat-8 ta' Awwissu 1997, li kien fis-seħħ dak iż-żmien bħala prinċipju ta' direzzjoni tal-eżami, LEMON SYMPHONY ġiet ipparagunata ma ċertu numru ta' varjetajiet oħra ta' *Osteospermum*. Fl-aħħar ta' dan l-eżami tekniku, il-Bundessortenamt ikkonkluda li LEMON SYMPHONY kienet tissodisfa l-kriterji DUS sabiex tibbenefika mid-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità.

12 Fis-16 ta' Ottubru 1997, il-Bundessortenamt, abbażi tal-istess "tabella tal-karatteristiċi VI", fassal rapport dwar l-eżami li miegħu kien hemm annessa d-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY. Minn din jirriżulta li l-karatteristika "Karatteristika taz-zkuk" kienet espressa bħala "eretti" (nota 1).

13 B'deċiżjoni tas-CPVO tas-6 ta' April 1999, id-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità ingħata lil LEMON SYMPHONY u d-deskrizzjoni uffiċjali ta' din il-varjetà stabbilita mill-Bundessortenamt fl-1997 tniżżlet fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti.

14 Fis-26 ta' Novembru 2001, ir-rikorrent, R. Schräder, ippreżenta applikazzjoni għal dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità quddiem is-CPVO, abbażi tar-Regolament. Din l-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru 2001/1758. Il-varjetà ta' pjanti li għaliha saret l-applikazzjoni għal dritt hija l-varjetà ta' pjanti SUMOST 01, li tappartjeni lill-ispeċi *Osteospermum ecklonis*. Din il-varjetà hija prodotta u kkummerċjalizzata minn Jungpflanzen Grünewald GmbH (iktar 'il quddiem "Grünewald"), kumpannija li fiha r-rikorrent għandu sehem ta' 5 % bħala assoċjat.

15 Peress li qies li l-produzzjoni u l-bejgħ tas-SUMOST 01 kienu jiksru d-drittijiet tiegħu fuq il-LEMON SYMPHONY, l-intervenjent ressaq proċedimenti ta' vjolazzjoni kontra Grünewald, quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi, bil-għan li jikseb it-twaqqif tal-kummerċjalizzazzjoni minn din tal-aħħar tas-SUMOST 01 kif ukoll id-danni. Wara li ordnat perizja legali fdata lill-Bundessortenamt, li kkonkluda, wara "paragun waqt prova ta' tkabbir", li s-SUMOST 01 ma kinitx kjarament distinta mil-LEMON SYMPHONY, il-Landgericht Düsseldorf (Il-Qorti Ġenerali Reġjonali ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) laqgħa dawn it-talbiet b'deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2005, ikkonfermata fl-appell b'sentenza tal-Oberlandesgericht Düsseldorf (Il-Qorti Ġenerali Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) tal-21 ta' Diċembru 2006. Fil-kuntest ta' din il-perizja legali, Grünewald sostniet li l-materjal veġetali tal-LEMON SYMPHONY użat għall-finijiet tal-paragun ma kienx jikkorrispondi għall-materjal veġetali eżaminat fl-1997, intiż għall-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għal din il-varjetà. Ir-rikors għal nuqqas ta' kompetenza u għal "Reviżjoni" ppreżentat minn Grünewald quddiem il-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) ġie miċħud b'sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' April 2009. Madankollu, din is-sentenza tkun għadha suġġetta għal reviżjoni kieku d-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità tal-LEMON SYMPHONY kellu jiġi annullat.

16 Matul il-proċedimenti ta' vjolazzjoni quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi, l-intervenjent iddefenda l-idea li l-LEMON SYMPHONY qatt ma kienet varjetà eretta. F'dan ir-rigward, huwa ppreżenta perizja tal-21 ta' Novembru 2003, imfassla minn Dr. Ludolph, tal-Lehr- und Versuchsanstalt für Gartenbau (stabbiliment tat-tagħlim u tal-esperimenti fuq l-ortikoltura) ta' Hanover (il-Ġermanja). F'dan ir-rapport, l-espert indika s-segwenti:

"L-eżami tal-Bundessortenamt tal-1997 jiddefinixxi lill-LEMON SYMPHONY bħala varjetà eretta. Skont l-esperimenti u l-osservazzjonijiet miġbura fil-kuntest tal-provi, tal-evalwazzjonijiet u tal-eżaminazzjonijiet waqt it-tkabbir imwettqa matul dawn l-aħħar snin, il-LEMON SYMPHONY ma hijiex varjetà li tikber b'mod kompletament erett. Għalkemm, fil-bidu tat-tkabbir, u sa madwar xahrejn mit-tħawwil, hija tikber, ċertament, b'mod relattivament erett, sussegwentement, f'nofs il-perijodu ta' veġetazzjoni fil-miftuħ (Ġunju jew Lulju, skont il-bidu tat-tkabbir), il-ħafna zkuk, li jkunu relattivament flessibbli, għandhom tendenza li jistrieħu fuq il-ġenb u ma jistgħux jiġu deskritti iktar bħala semi-eretti. LEMON SYMPHONY ilha kkaratterizzata minn dan il-komportament mill-introduzzjoni tagħha. Ir-ritratt anness (…), li ttieħed minn rivista speċjalizzata tas-sena meta ġiet introdotta din il-varjetà fis-suq, jiżvela komportament semi-erett. Il-varjetà NAIROBI, użata għall-paragun minħabba T-tkabbir erett tagħha fit-tabella tal-karatteristiċi tal-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3, tikber b'mod erett matul il-perijodu ta' veġetazzjoni kollu. Il-komportament tan-NAIROBI huwa kjarament differenti mil-LEMON SYMPHONY. B'mod ġenerali, ċerti deskrizzjonijiet ulterjuri ta' varjetajiet stabbiliti mill-Bundessortenamt, pereżempju l-varjetà SEIMORA, jikkwalifikaw bħala semi-eretti lil varjetajiet oħra ta' SYMPHONY, li għandhom l-istess karatteristiċi ta' tkabbir bħal-LEMON SYMPHONY."

17 Parallelment għall-proċedimenti ta' vjolazzjoni quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi, is-CPVO inkariga lill-Bundessortenamt sabiex iwettaq l-eżami tekniku tas-SUMOST 01, b'mod konformi mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament. Fil-kuntest ta' dan l-eżami tekniku, li beda jitwettaq mill-2001, il-LEMON SYMPHONY serviet, fost oħrajn, bħala varjetà ta' paragun. Dan l-eżami tekniku twettaq skont il-prinċipji ta' direzzjoni l-ġodda għat-twettiq tal-eżami tad-distinzjoni, tal-uniformità u tal-istabbilità TG/176/3, imfassla fil-5 ta' April 2000 mill-Unjoni tal-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPVĠ).

18 F'rapport inizjali dwar l-eżami relattiv għas-SUMOST 01 li ġie indirizzat lir-rikorrent fl-1 ta' Awwissu 2003, il-Bundessortenamt indika li kienet meħtieġa t-tieni sena ta' eżami, peress li l-varjetà msemmija kienet ġiet meqjusa li ma kinitx distinta mill-varjetà ta' paragun LEMON SYMPHONY.

19 Fis-27 ta' Ottubru 2003, l-intervenjent bagħat lis-CPVO oġġezzjoni bil-miktub għall-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità lis-SUMOST 01, b'mod konformi mal-Artikolu 59 tar-Regolament.

20 Fis-7 ta' Ottubru 2004, il-Bundessortenamt stabbilixxa t-tieni rapport dwar l-eżami relattiv għas-SUMOST 01, li fih ikkonkluda li l-varjetà msemmija ma kinitx tiddistingwi ruħha kjarament mill-varjetajiet l-oħra ġeneralment magħrufa, b'mod partikolari l-LEMON SYMPHONY.

21 Fis-26 ta' Ottubru 2004, ir-rikorrent ressaq talba għar-revoka tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħti lill-LEMON SYMPHONY, abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 9 tagħha intitolat "Stabbilità", għar-raġuni li, mill-inqas mill-2002, din il-varjetà ma kinitx għadha tikkorrispondi għad-deskrizzjoni uffiċjali tagħha mniżżla fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti fl-1997. Insostenn tat-talba tiegħu, huwa essenzjalment josserva li, matul eżami tal-LEMON SYMPHONY li sar fl-2001, abbażi tal-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3, applikabbli mill-2001, diversi karatteristiċi ta' din il-varjetà kienu kisbu marki differenti meta pparagunati mad-deskrizzjoni uffiċjali ta' din l-istess varjetà tal-1997. Fil-fehma tiegħu, dan kien juri n-nuqqas ta' stabbilità tal-varjetà inkwistjoni.

22 Fis-7 ta' Diċembru 2004, is-CPVO ddeċieda li jwettaq verifika teknika, b'mod konformi mal-Artikolu 64 tar-Regolament, sabiex jivverifika jekk il-LEMON SYMPHONY kinitx għadha teżisti bħala tali. Din id-deċiżjoni ġiet innotifikata lir-rikorrent u lill-intervenjent fil-15 ta' Diċembru 2004. Il-prinċipji ta' direzzjoni applikati għall-finijiet tal-eżami tekniku kienu dawk tal-protokoll għall-eżami tad-distinzjoni, tal-uniformità u tal-istabbilità CPVO-TP/176/1, stabbilit fil-31 ta' Ottubru 2002 mis-CPVO, li kien huwa stess ibbażat fuq il-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3.

23 Minn ittra tal-Bundessortenamt lis-CPVO tal-5 ta' Jannar 2005 jirriżulta li, b'mod ġenerali, diversi fatturi setgħu jwasslu għall-varjazzjonijiet ikkonstatati fid-deskrizzjoni tal-espressjonijiet tal-karatteristiċi, bħall-varjazzjonijiet marbuta ma' fatturi ambjentali, modifika fl-iskala tal-marki f'każ ta' bdil kbir fin-numru ta' varjetajiet ta' paragun li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kif ukoll tibdil fil-marki dovut għall-applikazzjoni ta' prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami ġodda. Dawn l-ispjegazzjonijiet jikkorrispondu għal dawk mogħtija minn Dr. Menne, eżaminatriċi tal-Bundessortenamt inkarigata bħala espert legali mill-Landgericht Düsseldorf, fis-17 ta' Novembru 2004.

24 Fit-23 ta' Frar 2005, l-intervenjent ressaq oppożizzjoni kontra r-revoka tal-varjetà tiegħu LEMON SYMPHONY.

25 Fl-14 ta' Settembru 2005, il-Bundessortenamt stabbilixxa rapport dwar l-eżami li kkonkluda għaż-żamma tal-LEMON SYMPHONY. Ma dan ir-rapport kien hemm anness deskrizzjoni ġdida tal-varjetà, tal-istess jum, li minnha kien jirriżulta, b'mod partikolari, li l-karatteristika "Komportament taz-zkuk" kienet espressa bħala "semi-eretti għal orizzontali" (nota 4).

26 Fis-26 ta' Settembru 2005, il-Bundessortenamt stabbilixxa t-tielet rapport dwar l-eżami relattiv għas-SUMOST 01, minn liema kien jirriżulta wkoll li l-varjetà msemmija ma kinitx kjarament distinta mil-LEMON SYMPHONY.

27 Fit-22 ta' Marzu 2006, is-CPVO staqsa lill-Bundessortenamt jekk, fid-dawl tal-modifiki fil-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami applikabbli għall-*Osteospermum* li saru bejn l-1997 u l-2005, kienx possibbli li tiġi mfassla, għall-varjetà LEMON SYMPHONY li kienet ġiet eżaminata fl-2005, deskrizzjoni teknika li tiddeskrivi l-espressjonijiet tal-karatteristiċi skont il-prinċipji ta' direzzjoni applikabbli fl-1997. B'ittra tat-12 ta' April 2006, il-Bundessortenamt informa lis-CPVO bl-impossibbiltà li jipprovdi deskrizzjoni

abbażi tat-"tabella tal-karatteristiċi VI" li kien juża fl-1997 u rrefera għal dokument intitolat "Kummentarju dwar it-talba għar-revoka tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għall-varjetà LEMON SYMPHONY, EU1996/0984", anness mal-ittra tiegħu tal-5 ta' Jannar 2005 iċċitata fil-punt 23 iktar 'il fuq.

28 B'posta elettronika tat-18 ta' Mejju 2006, il-Bundessortenamt ikkomunika lis-CPVO s-segwenti:

"Hawn annessi ssib ir-ritratti tal-LEMON SYMPHONY meħuda fl-1997, fl-2003 u fl-2004. Tista' tara li l-komportament taz-zkuk ma nbidilx.

Ir-ritratt tal-1997 ġie kkopjat elettronikament minn fuq slide, u għalhekk il-kuluri u l-kwalità tiegħu huma kemxejn differenti minn dawk tar-ritratti diġitali tal-2003 u tal-2004. T. Leidereiter jaf b'dawn ir-ritratti, għaliex jien għamilt użu minnhom fil-proċedura ġudizzjarja kontra s-SUMOST 01 (2001/1758).

Ma hijiex il-varjetà li nbidlet, iżda l-iskala tagħna tal-kejl tal-komportament taz-zkuk. Dan huwa spjegat fid-dokument Haltung_Triebe. Fl-1997, konna nafu biss b'madwar 40 varjetà ta' *Osteospermum* konna nevalwaw il-komportament taz-zkuk b'mod konformi ma' dawn il-varjetajiet. Sussegwentement, in-numru ta' varjetajiet kiber kunsiderevolment u kellna nirrikorru għal skala oħra għal din il-karatteristika (huwa dan li għandu jinftiehem bl-espressjoni 'Jahr 2')."

29 B'ittra tat-12 ta' Ġunju 2006, is-CPVO reġa' kkomunika mal-Bundessortenamt f'dawn it-termini: "Sabiex [is-CPVO] ikun jista' jistabbilixxi din ir-rabta, nitolbok sabiex tindikali, għal kull karatteristika [msemmija fil-]protokoll relattiv għall-*Osteospermum* fis-seħħ fl-1997, liema hu l-livell ta' espressjoni tal-varjetà LEMON SYMPHONY fl-eżami tal-2005, jew x'inhu r-rapport mal-osservazzjonijiet imwettqa b'mod konformi mal-protokoll adottat fl-2001."

30 Fit-2 ta' Awwissu 2006, il-Bundessortenamt rrisponda b'dan il-mod għat-talba tas-CPVO tat-12 ta' Ġunju 2006 :

"Mill-eżami tekniku tal-2005 jirriżulta li l-varjetà hija stabbli. Dan ifisser li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali speċifiċi, tal-prinċipji ta' direzzjoni emendati u tal-assortiment emendat, il-materjal veġetali prodott huwa konformi mad-deskrizzjoni tal-varjetà tal-1997.

Id-deċiżjoni relattiva għall-istabbilità tal-espressjoni tal-karatteristiċi tifforma parti mill-kompetenza tal-espert. Spjegazzjoni li tikkonċerna d-differenzi apparenti bejn id-deskrizzjonijiet tal-varjetajiet tal-1997 u tal-2005 tinsab annessa."

31 Mir-risposta tal-Bundessortenamt tat-2 ta' Awwissu 2006 u mill-paragun tar-riżultati tal-eżamijiet tekniċi tal-LEMON SYMPHONY li saru rispettivament fl-1997 u fl-2005, imfassal mill-uffiċċju msemmi u mibgħuta lir-rikorrent fil-25 ta' Awwissu 2006, jirriżulta li, skont dan l-uffiċċju, id-differenza fil-marka fir-rigward tal-karatteristika "Komportament taz-zkuk" setgħet tiġi spjegata mill-fatt li ebda varjetà ta' paragun ma kienet tidher fit-"tabella tal-karatteristiċi VI" li l-uffiċċju msemmi kien juża fl-1997 u li l-LEMON SYMPHONY kienet l-iktar varjetà eretta matul dik is-sena. Barra minn hekk, il-varjetajiet tal-ispeċi *Osteospermum ecklonis* kienu mmultiplikaw ħafna mill-1997 u l-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami kienu ġew parzjalment emendati, liema ħaġa kienet teħtieġ li jiġu aġġustati l-livelli ta' espressjoni.

32 B'ittra tal-25 ta' Awwissu 2006, is-CPVO ppropona lill-intervenjent li jaġġusta d-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY mniżżla fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti fl-1997 permezz tad-deskrizzjoni tal-varjetà l-ġdida tal-14 ta' Settembru 2005. is-CPVO kien iqis dan l-aġġustament bħala neċessarju minħabba, min-naħa waħda, progressi li saru fil-qasam tas-selezzjoni wara l-eżami tal-varjetà msemmija fl-1997 u, min-naħa l-oħra, l-emendi fil-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami, fl-2001.

33 B'ittra tat-22 ta' Settembru 2006, l-intervenjent aċċetta din il-proposta.

34 B'deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda"), is-CPVO laqgħa l-oġġezzjonijiet invokati mill-intervenjent kontra l-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità lis-SUMOST 01 u ċaħad l-applikazzjoni għall-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità lill-varjetà msemmija, għall-motiv essenzjali li din ma kinitx tiddistingwi ruħha kjarament mil-LEMON SYMPHONY u li għalhekk, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament ma kinux issodisfatti. B'mod partikolari, is-CPVO rrileva li mill-eżami tekniku kien jirriżulta li s-SUMOST 01 kienet differenti mil-LEMON SYMPHONY minn karatteristika waħda biss, jiġifieri ż-żmien tal-bidu tal-fjoritura, u dan għal marka waħda biss, u li din id-differenza kienet dgħajfa wisq, fil-każ tal-varjetajiet tal-ispeċi *Osteospermum*, sabiex tkun kjarament distinta. Barra minn hekk, is-CPVO qies li l-LEMON SYMPHONY kienet stabbli.

35 Fil-11 ta' April 2007, ir-rikorrent ressaq talba għal annullament tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħti lil-LEMON SYMPHONY, abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament, għall-motiv essenzjali li din il-varjetà qatt ma eżistiet fil-forma riprodotta fid-deskrizzjoni uffiċjali tagħha mniżżla fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti fl-1997.

36 B'ittra tat-18 ta' April 2007, is-CPVO informa lill-intervenjent bid-deċiżjoni tiegħu li jaġġusta *ex officio* d-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY, b'mod konformi mal-Artikolu 87(4) tar-Regolament (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni"). Ma' din l-ittra kien hemm mehmuża d-deskrizzjoni aġġustata kif kienet tirriżulta mill-eżami tekniku tal-2005.

37 B'ittra tal-10 ta' Mejju 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar it-talba għal revoka"), is-CPVO informa lir-rikorrent li l-kumitat kompetenti kien ivverifika jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tar-Regolament, u kien wasal għall-konklużjoni li dan ma kienx il-każ, b'tali mod li, fil-fehma tiegħu, ma kienet ittieħdet ebda deċiżjoni dwar ir-revoka abbażi tal-imsemmi Artikolu 21. Fil-fatt, skont dan il-kumitat, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament ma jipprovdux bażi legali għall-adozzjoni ta' deċiżjoni espliċita, fuq talba jew *ex officio*, li ma tiġix dikjarata r-revoka tad-drittijiet fil-Komunità.

38 B'ittra tal-10 ta' Mejju 2007, is-CPVO stieden ukoll lill-intervenjent sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq it-talba għall-annullament tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħtija lil-LEMON SYMPHONY, imressqa mir-rikorrent. L-intervenjent ikkontesta din it-talba b'ittra tal-1 ta' Ġunju 2007.

39 Fil-21 ta' Mejju 2007, is-CPVO informa lir-rikorrent bid-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni u bit-tibdil tad-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY mdaħħla fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti fl-1997 b'dik tal-2005.

40 B'ittra tas-26 ta' Settembru 2007, is-CPVO ċaħad it-talba għal annullament tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħti lil-LEMON SYMPHONY mressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar it-talba għal annullament"). Skont is-CPVO, trattament b'regolaturi tat-tkabbir mhux neċessarjament ikollu riperkussjonijiet fuq ir-riżultati tal-eżami tekniku, peress li l-materjal veġetali kien ġie kkoltivat għal perijodu li jippermetti li jispiċċa l-effett tat-trattament. Barra minn hekk, skont is-CPVO, il-Bundessortenamt kien ikkonferma li l-eżami kien sar korrettament.

Il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO fil-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007

41 Fl-10 ta' Mejju 2007, ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Bord tal-Appell, irreġistrat bin-Nru A 005/2007, kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda.

42 Insostenn ta' dan l-appell, huwa osserva, essenzjalment, li, fid-dawl tan-numru kbir ta' differenzi bejn id-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY tal-1997, minn naħa, u tar-riżultati tal-provi ta' tkabbir fil-miftuħ imwettqa għall-varjetà kandidata SUMOST 01 fl-2001 u fl-2002, min-naħa l-oħra, din kellha tingħata d-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità. Barra minn hekk, ir-rikorrent talab li jiġi kkonstatat li l-LEMON SYMPHONY ma kinitx għadha valida. Huwa sostna li l-materjal veġetali ta' din il-varjetà użat għall-eżami kien ġie ttrattat permezz ta' regolatur tat-tkabbir, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tal-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami. Fil-fehma tiegħu, deskrizzjoni tal-varjetà tista', barra minn hekk, tiġi aġġustata biss fir-rigward ta' karatteristiċi "relattivi" u mhux fir-rigward ta' karatteristiċi "assoluti", bħall-komportament tal-pjanta. Finalment, fil-fehma tiegħu, il-fatt li l-varjetà kandidata tqieset bħala mhux distinta kien dovut għall-fatt li l-materjal veġetali ta' din il-varjetà ppreżentat għall-finijiet tal-eżami ta' paragun kien, fir-realtà, materjal tal-varjetà kandidata tiegħu SUMOST 01.

43 Fil-11 ta' Ġunju 2007, ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Bord tal-Appell, irreġistrat bin-Nru A 006/2007, kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal revoka.

44 Insostenn ta' dan l-appell, huwa osserva, essenzjalment, li kellu d-dritt li jippreżenta appell abbażi tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 68 u 67 tar-Regolament, li jirreferu b'mod espliċitu għad-deċiżjonijiet adottati b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tar-regolament imsemmi, li l-ittra tas-CPVO tal-10 ta' Mejju 2007, iċċitata fil-punt 37 iktar 'il fuq, kienet tikkostitwixxi deċiżjoni li permezz tagħha huwa ġie miċħud mit-teħid ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata u li, fil-kwalità tiegħu bħala parti fil-proċedimenti, huwa kellu dritt għal deċiżjoni tas-CPVO anki jekk dan kien iqis li ma kinitx indikata revoka tad-dritt.

45 Fit-12 ta' Lulju 2007, ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Bord tal-Appell, irreġistrat bin-Nru A 007/2007, kontra d-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni.

46 Insostenn ta' dan l-appell, huwa osserva, essenzjalment, li kellu d-dritt li jippreżenta appell abbażi tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 68 u 67 tar-Regolament, li d-deċiżjoni ta' aġġustament *ex officio* tad-deskrizzjoni uffiċjali tal-LEMON SYMPHONY kienet tikkonċernah direttament u individwalment, li l-LEMON SYMPHONY kienet il-varjetà li kienet ġiet ipparagunata mal-varjetà tiegħu SUMOST 01 li għaliha kienet saret applikazzjoni għal dritt, li mill-eżami tekniku kien jirriżulta li l-varjetà kandidata ma kinitx kjarament distinta mill-varjetà ta' paragun, li s-CPVO kien ibbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq id-deskrizzjoni aġġustata, li kienet differenti mid-deskrizzjoni tal-1997 minn aspetti essenzjali, u li, kieku l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq id-deskrizzjoni tal-1997, il-varjetajiet kienu jiġu meqjusa bħala kjarament distinti.

47 Skont posta elettronika mibgħuta mis-segretarjat tal-Bord tal-Appell lill-President tiegħu fl-20 ta' Settembru 2007, deher, wara kuntatt mal-partijiet interessati, li kien biss possibbli li tinstab data għas-seduta li setgħet tkun konvenjenti għall-partijiet kollha fil-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007, matul l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2007.

48 B'ittra tal-20 ta' Settembru 2007 indirizzata lill-Bord tal-Appell, b'reazzjoni għal komunikazzjoni telefonika li matulha s-segretarjat tal-Bord tal-Appell kien infurmah bl-intenzjoni tal-Bord li jorganizza proċedura orali komuni, jew f'kull każ fl-istess jum, fil-Każijiet A 005/2007 u A 006/2007, l-avukat tar-rikorrent indika li ma kienx jagħmel ħafna sens li tiġi adottata f'dak iż-żmien deċiżjoni komuni fl-imsemmija Każijiet A 005/2007 u A 006/2007, għaliex il-proċedimenti għal annullament fil-Każ A 010/2007 kienu għadhom għaddejjin quddiem is-CPVO. Fil-fehma tiegħu, dawn it-tliet każijiet għandhom jiġu magħquda ulterjorment u ma setgħet tiġi adottata ebda deċiżjoni fil-Każijiet A 005/2007 u A 006/2007 qabel ma tingħata deċiżjoni fil-Każ A 010/2007. Dan indika wkoll li r-rikorrent kien konxju mill-fatt li d-differiment ta' dawn iż-żewġ każijiet kien ser iwassal b'mod inevitabbli għal dewmien kunsiderevoli, fid-dawl tal-bidla fil-viċin tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell, iżda li dan kien lest li jaċċetta dan id-dewmien.

49 Fid-9 ta' Ottubru 2007, il-Bord tal-Appell bagħat faks lill-partijiet, intitolata "Preparazzjoni tal-proċedura orali li tikkonċerna l-appell SUMOST 01 u l-appelli LEMON SYMPHONY", fejn dan irrefera għall-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007 u kien jalludi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95, tal-31 ta' Mejju 1995, li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju tal-Komunità ta' Varjetajiet ta' Pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 17, p. 327, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implementazzjoni"). Din il-faks kienet tgħid is-segwenti:

"B'mod konformi mal-Artikolu 50 tar-Regolament [ta' Implementazzjoni], il-President tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tipprevedi li tlaqqa' lill-partijiet sabiex jassistu għall-proċedura orali nhar it-Tlieta l-4 ta' Diċembru 2007 (…) Sakemm is-segretarjat tal-Bord tal-Appell tas-CPVO ma jirċevix oġġezzjonijiet immotivati mingħandkom, fi żmien għaxart-ijiem mid-data ta' din il-faks, ikun preżunt li d-data proposta hija aċċettabbli u konsegwentement jintbagħtu n-notifiki.

L-attenzjoni tagħkom tinġibed lejn l-Artikolu 59(2) tar-Regolament [ta' Implementazzjoni], skont liema 'jekk parti fil-proċedimenti li tkun ġiet imħarrka għall-proċedimernti orali quddiem [is-CPVO] ma tidhirx kif imħarrka, il-proċedimenti jistgħu jissoktaw mingħajrha.'

Jekk jogħġobkom irrispondu permezz ta' faks lis-segretarjat tal-Bord tal-Appell fi żmien għaxart ijiem (…)"

50 Ir-rokna ta' isfel tal-lemin tal-faks imsemmija kien fiha żona imdawra b'kaxxa bit-test segwenti fiha "Jekk jogħġbok niżżel id-data, iffirma u ibgħat lura immedjatament b'faks lis-segretarjat tal-Bord tal-Appell din l-irċevuta."

51 L-avukat tar-rikorrent iffirma u niżżel id-data tal-irċevuta inkwistjoni u bagħatha lura fid-9 ta' Ottubru 2007 lis-segretarjat tal-Bord tal-Appell.

52 B'ittra tas-17 ta' Ottubru 2007, il-President tal-Bord tal-Appell ikkomunikat is-segwenti lill-partijiet:

"It-talba tar-rikorrent tal-20 ta' Settembru 2007 intiża għall-ksib tad-differiment tas-seduta għat-tliet proċedimenti ma ġietx milqugħa mill-Bord.

Il-Bord iqis li, fil-Każ A 006 (nullità), il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrent jistax jippretendi deċiżjoni [tas-CPVO] li tkun suġġetta għal appell u li l-kontenut tagħha jkun (essenzjalment) 'LEMON SYMPHONY ma hijiex nulla' teħtieġ diskussjoni orali intensa fil-kuntest ta' proċedura orali. Din hija kwistjoni relattiva għall-fondatezza tar-rikors. Fil-mument, il-Bord jikkunsidra li l-ittra [tas-CPVO] tal-10 ta' Mejju 2007, bħala risposta għat-talba għal annullament tar-rikorrent, tikkostitwixxi – b'mod konformi mal-prattika Ġermaniża – deċiżjoni fis-sens legali. Ċħid tar-rikors, fis-sens li ma tistax tiġi pretiża deċiżjoni negattiva, temmet il-proċedura. Fil-każ li r-rikorrent jirbaħ il-kawża, ir-risposta tal-10 ta' Mejju 2007 tkun mingħajr dubju interpretata fis-sens li hija deċiżjoni negattiva (l-ordni li [s-CPVO] jerġa' jfassal tali deċiżjoni jkun ċertament formalistiku wisq). Sussegwentement, il-Bord jeżamina l-kwistjoni tan-nullità. Din il-kawża tinsab fl-istat li tiġi deċiża, indipendentement minn kif tispiċċa l-proċedura A 007 (deskrizzjoni tal-varjetà).

Wara jkollha tiġi ttrattata l-proċedura A 005 (proċedimenti ta' oppożizzjoni diretti kontra l-applikazzjoni għal dritt), fid-dawl tan-nullità tal-LEMON SYMPHONY jew tal-validità tagħha. Din il-kawża wkoll għandha tinsab fl-istat li tiġi deċiża.

Konvokazzjoni għall-proċediment A 007 (deskrizzjoni tal-varjetà) għadha ma tistax tiġi stabbilita, għaliex it-taxxa tal-appell għadha ma tħallsitx kollha. Madankollu, ikun utli li tiġi ttrattata fl-istess ħin, fid-dawl tar-relazzjoni bejn il-fatti. Niġbdu l-attenzjoni li l-Bord ikollu qabel kollox jeżamina l-kwistjoni tal-ammissibbiltà tal-appell. Dan l-appell huwa indirizzat kontra ittra diretta lejn il-proprjetarju tad-dritt Komunitarju għal-LEMON SYMPHONY, li r-rikorrent jidher li rċieva kopja tagħha

[mis-CPVO] għall-informazzjoni. Hemm dubju kemm din tista' titqies bħala 'deċiżjoni'. Anki f'dan il-każ, bħal fil-Każ A 006, għandu jinstab jekk ir-rikorrent jistax jinfluwenza d-deċiżjoni [tas-CPVO] permezz ta' appell.

Konsegwentement, ir-rikorrent huwa mitlub sabiex jinforma malajr kemm jista' jkun possibbli, għal preparazzjoni tajba tal-proċeduri mill-Bord u mill-parti avversarja, jekk fl-4 ta' Diċembru 2007 għandux jiġi ttrattat ukoll il-Każ [A 007/2007], f'liema każ it-taxxi jkunu għadhom iridu jitħallsu sat-terminu stabbilit."

53 B'ittra tad-19 ta' Ottubru 2007, mibgħuta lill-President tal-Bord tal-Appell, l-avukat tar-rikorrent bagħat l-oġġezzjonijiet tiegħu għaż-żamma tal-proċedura orali fl-4 ta' Diċembru 2007. Huwa osserva, b'mod partikolari, li l-indikazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tal-President tal-Bord tal-Appell tas-17 ta' Ottubru 2007 kienu jagħtu x'jinftiehem li din kienet għadha ma fehemitx is-suġġett tal-proċedura u li din kienet taħseb li dan kien proċediment għal annullament, u mhux proċediment għal revoka. Barra minn hekk, huwa rrepeta l-fehma tiegħu li tgħid li l-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007 ma kinux fi stat li jiġu deċiżi, b'tali mod li l-iffissar għal dik is-sena ta' proċedura orali ma kinitx tidhirlu li kien meħtieġ, u li l-proċediment għal annullament (Każ A 010/2007) kellu prijorità. Finalment, abbażi tal-Artikolu 81(2) u tal-Artikolu 48(3) tar-Regolament, huwa kien jopponi ruħu għall-fatt li, minħabba suspett ta' parzjalità, l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-membri tal-persunal tal-Bundessortenamt jittieħdu inkunsiderazzjoni.

54 B'ittra rreġistrata tad-29 ta' Ottubru 2007, li l-avukat tar-rikorrent irċieva fis-6 ta' Novembru 2007, il-partijiet ġew imsejħa uffiċjalment għall-proċedura orali tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007.

55 Fit-30 ta' Ottubru 2007, l-avukat tar-rikorrent irċieva taħrika għal seduta quddiem il-Landgericht Hamburg (Il-Qorti Ġenerali Reġjonali ta' Hamburg, il-Ġermanja) fil-5 ta' Diċembru 2007 f'12:00. Dan bagħatha malajr lill-President tal-Bord tal-Appell, fejn iddikjara li, bħala responsabbli minn dan il-Każ, huwa kellu jkun preżenti personalment għal din is-seduta.

56 B'posta elettronika tal-5 ta' Novembru 2007 mibgħuta lill-avukat tar-rikorrent, il-President tal-Bord tal-Appell esprimiet ir-reazzjoni tagħha għall-oġġezzjonijiet imressqa minnu. B'referenza espressa għall-ittra tagħha tas-17 ta' Ottubru 2007, il-President tal-Bord tal-Appell indikat li hija ma kienet tara "ebda raġuni biex il-proċedura orali tiġi ddifferita", filwaqt li ppreċiżat li "ma kienx ikkontestat" li kien l-Artikolu 21 tar-Regolament, u mhux l-Artikolu 20 tiegħu, li kien qiegħed jiġi diskuss. Għal darba oħra hija staqsiet jekk fl-4 ta' Diċembru 2007 kellux jiġi ttrattat ukoll il-Każ A 007/2007. F'din l-eventwalità, il-President tal-Bord tal-Appell talbet il-ħlas fil-pront tat-taxxi li kienu għadhom ma tħallsux.

57 B'posta elettronika tat-8 ta' Novembru 2007 mibgħuta lill-avukat tar-rikorrent, il-President tal-Bord tal-Appell indikat lil dan li l-proċedura orali quddiem il-Bord tal-Appell kellha "prijorità" fuq is-seduta quddiem il-Landgericht Hamburg għaliex it-taħrika korrispondenti kellha d-data tad-29 ta' Ottubru 2007.

58 B'ittra u b'faks tal-14 ta' Novembru 2007 mibgħuta lill-Bord tal-Appell, l-avukat tar-rikorrent indika li kien jippreżumi li l-konvokazzjoni ma kinitx tirrigwarda l-proċedimenti fil-Każ A 007/2007, għaliex l-imsemmi Bord tal-Appell kien talab l-approvazzjoni tiegħu għal proċedura orali f'dan il-każ, u huwa ma kienx ikkonsenta. Huwa reġa' rrepeta li kien jopponi ruħu għall-eventwali użu tal-indikazzjonijiet tal-membri tal-persunal tal-Bundessortenamt.

59 B'ittra u b'faks tal-14 ta' Novembru 2007 mibgħuta lill-Bord tal-Appell, l-avukat tar-rikorrent osserva barra minn hekk li, peress li t-terminu tal-konvokazzjoni ma ġiex osservat, il-Bord tal-Appell ma jistax iżomm il-proċedura orali fl-4 ta' Diċembru 2007. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll fuq il-konsegwenzi ta' ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

60 B'posta elettronika tal-15 ta' Novembru 2007, il-President tal-Bord tal-Appell irrispondiet lill-avukat tar-rikorrent li l-konvokazzjoni kienet tirrigwarda wkoll il-proċedura fil-Każ A 007/2007.

61 B'posta elettronika tas-26 ta' Novembru 2007, il-President tal-Bord tal-Appell b'mod partikolari indikat lill-avukat tar-rikorrent li l-konvokazzjoni uffiċjali kienet biss "konferma tad-data" u kkwalifikat bħala "irrilevanti" l-fatt li din ġiet innotifikata fis-6 ta' Novembru 2007. Hija staqsietu wkoll f'dawn it-termini: "Jista' jkun li nsejt li inti diġà tajt l-approvazzjoni tiegħek għal din id-data fid-9 ta' Ottubru 2007?"

62 B'posta elettronika tad-29 ta' Novembru 2007, l-avukat tar-rikorrent indika lis-segretarjat tal-Bord tal-Appell li la hu u lanqas il-klijent tiegħu ma kienu ser jidhru għall-proċedura orali.

63 Minkejja l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent, il-Bord tal-Appell żamm il-proċedura orali, f'kull wieħed mit-tliet Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007, fl-4 ta' Diċembru 2007, fin-nuqqas tiegħu, hekk kif jirriżulta mill-proċessi-verbali tas-seduta. Il-każ A 006/2007 nstema' qabel il-Każ A 005/2007.

64 Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, Dr. Menne dehret bħala espert tal-Bundessortenamt, aġent tas-CPVO. B'mod partikolari, hija esponiet li l-materjal veġetali ppreżentat għall-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY fl-1997 kien mingħajr dubju ttrattat b'regolaturi tat-tkabbir, iżda li madankollu, ma kien hemm ebda problema waqt l-eżami "għaliex il-pjanti kienu kibru b'mod kompletament normali". Hija indikat ukoll li, fil-mument ta' dan l-eżami tekniku, "l-effett tar-regolaturi tat-tkabbir kien spiċċa" u sostniet li, "fil-każ tal-LEMON SYMPHONY, ma [kienx] hemm dubji fir-rigward tal-kwalità tal-provi li saru f'Lulju/Awwissu 1997". Min-naħa tiegħu, l-intervenjent sostna li "r-regolaturi tat-tkabbir kienu ġeneralment jaġixxu għal matul 4 sa 6 ġimgħat", b'mod partikolari fil-każ tal-*Osteospermum*.

65 B'deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 006/2007), il-Bord tal-Appell ċaħad bħala ammissibbli, iżda infondat, l-appell ippreżentat mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal revoka.

66 B'deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 005/2007), il-Bord tal-Appell ċaħad bħala ammissibbli, iżda infondat, l-appell ippreżentat mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda.

67 B'deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 007/2007), il-Bord tal-Appell ċaħad bħala inammissibbli l-appell ippreżentat mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni.

68 F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, il-Bord tal-Appell ikkonstata preliminarjament li l-konvokazzjoni għall-proċedura orali kienet intbagħtet f'forma debita u korretta. F'dan ir-rigward, dan irrileva li għalkemm kien minnu li t-terminu ta' xahar stabbilit fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni ma kienx ġie osservat, peress li l-konvokazzjoni ġiet innotifikata lir-rikorrent biss fis-6 ta' Novembru 2007, dan ma kellu ebda konsegwenza, peress li d-data tal-4 ta' Diċembru 2007 kienet ġiet miftiehma miegħu, b'mod konformi mad-dispożizzjoni msemmija. Fil-fatt, skont il-Bord tal-Appell, ir-rikorrent kien diġà aċċetta bil-miktub, fid-9 ta' Ottubru 2007, id-data proposta minnu. Barra minn hekk, ir-rikorrent ma użax il-possibbiltà li kienet ġiet irriżervata lilu li jinvoka bil-miktub impediment milli jattendi għal din is-seduta, ibbażat fuq oġġezzjonijiet immotivati, f'terminu ta' għaxart ijiem, jiġifieri sa mhux iktar tard mid-19 ta' Ottubru 2007. B'hekk, ir-rikorrent kien jaf, minn din l-aħħar data, li l-konvokazzjoni kienet ser issegwi l-ftehim fuq id-data. L-irċevuta tal-konvokazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2007, iffirmata mir-rikorrent fis-6 ta' Novembru 2007, fiha barra minn hekk il-kliem miktub bl-idejn "bereits not[iert]" (diġà nnotata). B'hekk, l-iskop tal-iffissar ta' terminu ta' konvokazzjoni, jiġifieri li jiġi żgurat lill-parti konvokata żmien ta' preparazzjoni ta' mill-inqas xahar, jew żmien iqsar jekk din tagħti l-kunsens tagħha, ġie osservat.

69 Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell ċaħad it-talbiet tar-rikorrent intiżi sabiex jikseb differiment tad-data tas-seduta minħabba d-dehra tal-avukat tiegħu quddiem qorti oħra u sabiex il-proċeduri jiġu sospiżi sakemm tiġi adottata d-deċiżjoni li ttemm l-istanza fil-proċediment ta' annullament (Każ A 010/2007), jew minħabba li l-Każijiet ma kinux fi stat li jiġu deċiżi, jew minħabba l-proċedimenti ta' vjolazzjoni pendenti quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi.

70 Il-mandat tal-President tal-Bord tal-Appell skada fis-16 ta' Diċembru 2007.

Il-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO fil-Każ A 010/2007

71 Fid-19 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Bord tal-Appell, irreġistrat bin-Nru A 010/2007, kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament.

72 Insostenn ta' dan l-appell, ir-rikorrent essenzjalment josserva li l-materjal veġetali li fuqu kien sar l-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY fl-1997 kien difettuż. Huwa rrileva wkoll il-possibbiltà li l-pjanti mibgħuta kienu ġew maqtugħin f'tirqid u li dan it-tirqid intuża sussegwentement matul l-imsemmi eżami tekniku. Barra minn hekk huwa rrileva d-differenzi fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-LEMON SYMPHONY li kienet saret fil-Ġappun (ara l-punt 6 iktar 'il fuq). Huwa kkomunika l-perizja ta' Dr. Ludolph iċċitata fil-punt 16 iktar 'il fuq. Huwa osserva wkoll li l-varjetajiet iċċitati bħala eżempju fil-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami applikati mill-2001 kienu, bl-eċċezzjoni tal-varjetà NAIROBI, kollha ġew ipparagunati mal-LEMON SYMPHONY fl-1997. Fir-rigward tal-affermazzjonijiet magħmula minn Dr. Menne u mill-intervenjent waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007, ir-rikorrent ippropona li jipprova, permezz ta' perizja, l-affermazzjoni tiegħu li tgħid li r-riperkussjonijiet fuq l-eżami tat-trattament b'regolaturi tat-tkabbir ma kinux limitati għal tul ta' bejn erba' u sitt ġimgħat. Finalment, ir-rikorrent spjega li t-talba għal annullament tiegħu kienet ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 20(1)(a) u tal-Artikolu 7 tar-Regolament. Fil-fehma tiegħu, peress li varjetà tista' tiġi kkwalifikata bħala distinta biss jekk din tiddistingwi ruħha, b'riferenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip jew minn kombinazzjoni ta' ġenotipi, ma jistax ikun hemm distinzjoni meta l-espressjoni tal-karatteristiċi kkonstatati tirriżulta minn trattament mekkaniku u b'regolaturi tat-tkabbir.

73 Wara li ġie kkonvokat għas-seduta, ir-rikorrent oppona ruħu, f'nota supplimentari tat-12 ta' Jannar 2009, għall-fatt li Dr. Menne tkun preżenti għaliha u għall-fatt li d-dikjarazzjonijiet tagħha jittieħdu inkunsiderazzjoni.

74 Barra minn hekk, fiha, ir-rikorrent reġa' rrepeta l-offerta tiegħu li jipprova, permezz ta' perizja, li r-riżultati tal-eżami DUS tal-LEMON SYMPHONY mwettaq fl-1997 ma kinux dovuti għall-ġenotip, iżda kienu dovuti għat-trattament kimiku u mekkaniku jew mill-fatt li kien intuża tirqid tal-pjanti mibgħuta. Barra minn hekk, ir-rikorrent talab espressement sabiex ikun jista' jipproduċi l-provi proposti.

75 Il-proċedura orali quddiem il-Bord tal-Appell fil-Każ A 010/2007 saret fit-23 ta' Jannar 2009.

76 B'deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2009 (Każ A 010/2007), innotifikata lir-rikorrent fil-15 ta' April 2009, il-Bord tal-Appell ċaħad bħala ammissibbli, iżda infondat, l-appell ippreżentat minnu kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament, fl-aħħar ta' motivazzjoni li għandhom jiġu riprodotti l-punti segwenti tagħha:

> "4. Ir-rikorrent jimmotiva l-appell tiegħu bl-affermazzjoni li tgħid li l-eżami tal-varjetà LEMON SYMPHONY mwettaq fl-1997 kien żbaljat peress li l-materjal eżaminat ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għall-materjal li kellu jiġi pprovdut, peress li dan kien ġie ttrattat b'regolatur tat-tkabbir u peress li dan kien jikkonsisti fi pjanta f'tirqid. Il-Bundessortenamt indika [lis-CPVO]

li l-affidabbiltà tal-eżami kienet mhedda jekk jintuża dan il-materjal, iżda ingħata l-parir li jkompli bl-eżami u li joħroġ tirqid mill-materjal ipprovdut. Hija prassi stabbilita li l-varjetajiet kollha użati fil-kuntest ta' eżami jiġu mmultiplikati permezz tat-tirqid, billi t-tirqid jinqata' fl-istess ħin sabiex jiġi żgurat li l-materjali kollha jkollhom l-istess età fiżjoloġika. Il-kwistjoni dwar it-trattament kimiku ma hijiex daqstant sempliċi daqs kemm isostni r-rikorrent. Il-protokoll tekniku tas-CPVO TP 176/1 applikabbli għall-*Osteospermum* jeżiġi li l-materjal ma jkunx ġie ssuġġettat għal trattament kimiku ħlief jekk l-awtoritajiet kompetenti jawtorizzaw tali trattament. Dispożizzjoni simili kienet teżisti fl-1996 qabel ma kien jeżisti [l-imsemmi protokoll] u prinċipju ta' direzzjoni tal-[UPVĠ] għal din il-varjetà. Ir-rikorrent jidher li ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżami tal-1997 twettaq fil-kuntest ta' protokoll miftiehem bejn il-Bundessortenamt u [s-CPVO], b'tali mod li r-referenzi tiegħu għal deskrizzjoni tal-UPVĠ huma żbaljati. Fir-rigward tal-influwenza ta' trattament b'regolatur tat-tkabbir, huwa ġġustifikat li jiġi konkluż li dan ma influwenzax l-eżami. It-tip ta' regolatur tat-tkabbir li jintuża waqt il-multiplikazzjoni normalment ma jkollu ebda effett fit-tul peress li l-kontroll ulterjuri tat-tkabbir tal-pjanta jeħtieġ traxxix supplementari b'regolaturi tat-tkabbir. L-informazzjoni pprovduta mill-[intervenjent] li tgħid li r-regolaturi tat-tkabbir jintużaw biss matul il-fażi tal-bidu tat-tkabbir u li l-effetti tagħhom jgħibu bejn erba' u sitt ġimgħat wara hija konvinċenti . L-affermazzjoni li tgħid li l-eżami ma huwiex validu minħabba l-użu ta' materjal żbaljat hija infondata.

[…]

Iċ-ċirkustanza invokata mir-rikorrent li l-varjetajiet ta' referenza kollha msemmija fil-prinċipji ta' direzzjoni [ta' eżami TG/176/3] kienu magħrufa fl-1997 hija irrilevanti peress li d-deskrizzjoni tal-varjetà hija korretta f'dak li jirrigwarda l-varjetajiet li kienu magħrufa [mis-CPVO] u mill-Bundessortenamt fil-mument meta ġiet eżaminata l-LEMON SYMPHONY.

[…]

6. Il-varjetà LEMON SYMPHONY li nkisbet minn tlaqqim ġeneriku (sic) bejn l-ispeċi *Osteospermum* u *Dimorphoteca* hija, bħala tali, unika mhux biss minħabba l-karatteristiċi morfoloġiċi tagħha, iżda anki minħabba l-perijodu ta' fjoritura kontinwa tagħha li hija itwal minn dik tal-varjetajiet attwali tal-*Osteospermum*. Ir-rapport Ġappuniż li jirreferi għalih il-fajl juri li l-varjetajiet ta' riferenza użati kienu jikkostitwixxu varjetajiet ta' *Dimorphoteca*. Minħabba l-karattru uniku tal-LEMON SYMPHONY, ma kienx possibbli li jinstabu, fil-kuntest tal-eżami mwettaq mill-Bundessortenamt fl-1997, varjetajiet ta' riferenza li din setgħet tiġi pparagunata magħhom.

[…]

7. Ir-rikorrent ma josservax li l-LEMON SYMPHONY ma tiddistingwix ruħha minn waħda mill-varjetajiet ta' riferenza tal-UPVĠ. Ir-rikorrent ma ċċitax l-isem ta' varjetà waħda li, fil-mument tal-applikazzjoni, ma kinitx tiddistingwi ruħha mil-LEMON SYMPHONY, liema ħaġa madankollu tikkostitwixxi preċiżament ir-rekwiżit tal-Artikolu 20(1) tar-[Regolament], iżda huwa jibbaża l-appell tiegħu fuq it-tetattiv tiegħu li jipprova li l-varjetà ma kinitx teżisti fil-forma attwali tagħha u li l-eżami ma kienx validu minħabba li l-materjal ipprovdut kien żbaljat."

77 B'ittra mibgħuta lill-Bord tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2009, ir-rikorrent ħareġ sensiela ta' kritiki u ta' oġġezzjonijiet kemm fir-rigward tal-proċess verbal tas-seduta kif ukoll fir-rigward tal-iżvolġiment tagħha, fit-23 ta' Jannar 2009, li huma, skontu, ivvizzjati minn irregolaritajiet serji li huwa joffri, quddiem il-Qorti Ġenerali, li jipproduċi l-prova tagħhom permezz tax-xhieda. Din l-ittra fiha, b'mod partikolari, l-allegazzjonijiet segwenti:

"2. Preżentazzjoni mhux preċiża tal-allegat ftehim konkluż bejn [is-CPVO] u l-Bundessortenamt

a) Il-preżentazzjoni li tidher fil-p. 2 tal-proċess verbal li tgħid li [s-CPVO] 'sussegwentement' ittrażmetta kopja tal-ftehim li huwa kkonkluda mal-Bundessortenamt tagħti dehra distorta u, minħabba f'hekk, ineżatta tal-avvenimenti. Ir-rikorrent ma kellux l-opportunità li jesprimi ruħu dwar 'il-ftehim' ippreżentat mi[s-CPVO] qabel mal-Bord tal-Appell adotta d-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni ta' Dr. Menne fis-seduta.

Fir-realtà, eżattament qabel id-deliberazzjoni, [is-CPVO] bagħat dokument lill-Bord tal-Appell mingħajr ma kkomunikah ukoll lir-rikorrent.

Kien biss matul l-interruzzjoni tas-seduta segwenti, meta l-Bord tal-Appell kien diġà rtira sabiex jiddelibera, li r-rikorrent ingħata kopja ta' dokument intitolat 'EXAMINATION OFFICE – DESIGNATION AGREEMENT' (Uffiċċju tal-eżami – mandat ta' rappreżentazzjoni). Ir-rikorrent ma kellux l-opportunità li jesprimi ruħu dwar dan id-dokument qabel id-deliberazzjoni u d-deċiżjoni tal-Bord.

Huwa għalhekk li r-rikorrent invoka ksur tad-dritt għal smigħ tiegħu. Fil-fatt, meta, fl-aħħar tad-deliberazzjoni tiegħu, il-Bord ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li jħalli lil Dr. Menne tipparteċipa fis-seduta, huwa bbaża d-deċiżjoni tiegħu anki fuq il-fatt 'li ebda element tal-ftehim konkluż bejn is-CPVO u l-Bundessortenamt ma kien jipprekludi li Dr. Menne tipparteċipa fis-seduta u, għalhekk, fuq id-dokument li kien ingħatalu. Għandu jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament (…) peress li r-rikorrent ma setax jadotta pożizzjoni fuq dan il-ftehim la oralment u lanqas bil-miktub.

b) Anki l-oġġezzjonijiet li r-rikorrent invoka, sussegwentement, kontra d-dokument ippreżentat [mis-CPVO] 'EXAMINATION OFFICE – DESIGNATION AGREEMENT' ma jidhrux fil-proċess verbal għalkemm dawn għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-deċiżjoni materjali:

Il-kopja mogħtija lir-rikorrent ma fiha ebda firma. Ir-rikorrent indika espressament li f'kull każ, il-ftehim ma kienx iktar validu mill-31 ta' Diċembru 2006 (ara l-Artikolu 11(1) tal-Ftehim imsemmi).

Abbażi tal-Artikolu 11(1) tad-dokument, ir-rikorrent ikkontradixxa wkoll ir-risposta mogħtija mill-President [tas-CPVO] waqt is-seduta, li tgħid li l-ftehim ippreżentat kien validu fil-mument tal-eżami kkontestat. Fil-fatt, b'mod konformi ma din il-klawżola, il-ftehim kien validu biss, l-iktar, mill-1 ta' Jannar 2005. Lanqas dan ma ssemma' fil-proċess verbal.

Anki l-affermazzjoni tal-President [tas-CPVO] li tgħid li l-ftehim ġie mġedded ġiet ikkontestata, minħabba nuqqas ta' provi f'dan is-sens, mir-rikorrent waqt is-seduta, mingħajr ma din il-kontestazzjoni ma ġiet riprodotta fil-proċess verbal.

Finalment, lanqas l-ordni dirett mill-Bord tal-Appell [lis-CPVO] sabiex jippreżenta verżjoni valida tal-ftehim ma tidher fil-proċess verbal.

Fl-interess tal-kompletezza, nippermetti ruħi wkoll li nirrimarka li d-dokument ikkomunikat lir-rikorrent lanqas biss ma jinnomina lill-Bundessortenamt bħala parti kontraenti [mas-CPVO]. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni jeħtieġ li l-atti tal-persunal tal-uffiċċju ta' eżami jitwettqu 'konformement mat-termini tal-ftehim'. Konsegwentement, huma biss atti li huma espressament ikkunsidrati mill-ftehim li jistgħu jingħataw il-kwalità ta' atti [tas-CPVO] li jistgħu jiġu kkontestati kontra terzi. Min-naħa l-oħra, ma huwiex biżżejjed li l-ftehim 'ma jsemmi xejn' fir-rigward ta' ċerti atti.

3. L-indikazzjonijiet ipprovduti minn Dr. Menne

Il-proċess verbal jirriproduċi l-indikazzjonijiet ipprovduti minn Dr. Menne waqt is-seduta b'mod inkomplet u impreċiż biss:

a) L-iktar nuqqas gravi tal-proċess verbal huwa probabbilment is-segwenti:

Waqt is-seduta, ir-rikorrent staqsa lil Dr. Menne jekk l-eżami DUS tal-varjetà LEMON SYMPHONY kienx twettaq fuq il-pjanti mibgħuta mill-[intervenjent] jew fuq pjanti kkultivati minn tirqid meħud minn dawn tal-aħħar. Dr. Menne rrispondiet għal din id-domanda billi sostniet li hija ma kinitx tiftakar iktar f'dan ir-rigward b'tali mod li hija ma kinitx, dakinhar, iktar f'pożizzjoni li tgħid b'ċertezza jekk l-eżami DUS tal-varjetà LEMON SYMPHONY kienx twettaq fuq il-pjanti mibgħuta jew fuq dawk tal-ġenerazzjoni segwenti. Iżda, minħabba f'hekk, id-dikjarazzjonijiet kollha ta' Dr. Menne dwar l-iżvolġiment tal-eżami għandhom jitqiesu bħala nieqsa mill-valur ta' prova għaliex ma jistax jinftiehem kif din il-persuna tista' tesprimi ruħha fuq eżami li lanqas ma taf is-suġġett dwaru.

L-affermazzjoni ta' Dr. Menne li tgħid li hija tista' tikkonferma li r-regolatur tat-tkabbir użat fuq il-varjetà LEMON SYMPHONY ma kellu ebda influwenza fuq l-eżami tekniku hija, ukoll, nieqsa mill-valur ta' prova. Fil-fatt, jekk Dr. Menne diġà ma tiftakarx il-pjanti li ntużaw għall-eżami, lanqas ma huwa possibbli għaliha li tistabbilixxi rabta bejn il-pjanti u r-regolatur tat-tkabbir.

Il-proċess verbal jonqos ukoll milli jsemmi l-fatt li l-Bord tal-Appell qies bħala inammissibbli d-domanda tar-rikorrent li permezz tagħha dan staqsa lil Dr. Menne kif hija kienet tispjega n-nota miktuba bl-idejn li tinsab fil-fajl [tas-CPVO] u li tgħid li kien ittieħed xi tirqid mill-pjanti msemmija.

b) Il-konstatazzjoni li tinsab fil-p. 4 tal-proċess verbal u li tgħid li Dr. Menne ma kellha ebda dubju dwar il-fatt li l-influwenza ta' regolatur tat-tkabbir ma setgħetx iddum iktar minn xahar hija żbaljata. Fir-realtà, Dr. Menne ddikjarat li, fil-fehma tagħha, ir-regolaturi tat-tkabbir ma jipproduċux effetti fuq il-pjanti għal iktar minn sitta sa tmien ġimgħat.

c) Għandha titqies bħala impreċiża wkoll il-konstatazzjoni li tinsab fil-proċess verbal li tgħid li Dr. Menne kkonfermat li fl-1997, il-varjetà LEMON SYMPHONY kienet l-unika varjetà magħrufa ta' dan it-tip. B'mod kuntrarju, Dr. Menne ġġustifikat din il-'karatteristika unika' bil-fatt li din il-varjetà – kuntrarjament għall-varjetajiet kollha magħrufa qabel – kienet tiffjorixxi s-sena kollha mingħajr fażi ta' kesħa. Ir-rikorrent rrispondiha li din il-karatteristika ma kellha ebda relazzjoni mal-apparenza esterna tal-varjetà. Konsegwentement, din il-karatteristika waħedha ma tippermettix li jiġi ddeterminat jekk il-varjetà hijiex distinta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (…)

Il-Bord tal-Appell għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti msemmija iktar 'il fuq fil-kuntest tad-deċiżjoni tiegħu.

4. L-offerti ta' prova tar-rikorrent fin-nota tat-12 ta' Jannar 2009

Fil-punti 48 u 49 tal-osservazzjonijiet tiegħu, [is-CPVO] talab lill-Bord tal-Appell sabiex jiċħad l-offerti ta' prova. Madankollu, il-proċess verbal ma fih ebda indikazzjoni li tikkonċerna l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrent fir-rigward ta' dawn l-offerti ta' prova li kienu jinsabu fin-nota tiegħu tat-12 ta' Jannar 2009.

Il-proċess verbal ma jsemmix il-fatt li waqt is-seduta, ir-rikorrent offra li jipproduċi prova supplimentari tal-affermazzjoni tiegħu li tgħid li t-trattament b'regolaturi tat-tkabbir kellu effetti fil-mument tal-eżami mwettaq fl-1997. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ippropona li jsir eżami ġdid tat-tkabbir b'materjal veġetali f'tirqid, imkejjel u ttrattat bil-kimika, u li dan l-eżami jiġi evalwat minn espert indipendenti.

5. Impreċiżazzjonijiet u ommissjonijiet oħra

Il-proċess verbal huwa kkaratterizzat minn sensiela ta' impreċiżazzjonijiet u ommissjonijiet oħra li ser insemmi fil-qosor iktar 'il quddiem:

a) Fid-deċiżjoni sabiex Dr. Menne tingħata l-permess li tipparteċipa għall-bqija tas-seduta, il-Bord tal-Appell ma ordnax lil Dr. Menne sabiex tagħti l-opinjoni tagħha "bħala espert". Il-konstatazzjoni korrispondenti li tinsab fil-p. 3 tal-proċess verbal hija żbaljata u hija kkontestata mit-tieni paragrafu tal-p. 4 li jgħid li, bħala parti fil-proċedura, Dr. Menne 'tifforma parti [mis-CPVO]'. Il-fatt li f'dak li jirrigwarda s-smigħ ta' Dr. Menne, il-Bord tal-Appell ma adottax deċiżjoni dwar il-provi fis-sens tal-Artikolu 60(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni jindika wkoll kontra t-teżi tal-kwalità ta' espert ta' Dr. Menne.

b) Ir-rimarka li tidher fil-proċess verbal li tgħid li r-rikorrent invoka (biss) iċ-ċirkustanza li l-eżami DUS imwettaq fl-1997 ma 'kienx affidabbli' hija impreċiża. B'mod kuntrarju, ir-rikorrent sostna li t-talba għal annullament tiegħu kienet ibbażata fuq l-argument li jgħid li l-varjetà LEMON SYPHONY ddefinita bid-deskrizzjoni tal-varjetà tal-1997 ma kinitx distinta peress li l-konstatazzjoni tal-espressjoni tal-karatteristiċi ma kinitx ibbażata fuq il-ġenotip tal-pjanta eżaminata.

6. Talba

Ir-rikorrent jitlob li l-proċess verbal tas-seduta jiġi rrettifikat u li l-ineżattezzi, l-ommissjonijiet u l-impreċiżjonijiet jiġu kkoreġuti. Id-deċiżjoni materjali għandha tkun ibbażata fuq l-iżvolġiment tas-seduta hekk kif ser tidher mill-proċess verbal irrettifikat."

78 B'posta elettronika tas-7 ta' April 2009, il-Bord tal-Appell informa lir-rikorrent li r-rimarki tiegħu li jikkonċernaw il-proċess verbal tas-seduta kienu ġew ikkomunikati għall-informazzjoni lill-partijiet.

Il-proċedura

79 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' April 2004, ir-rikorrent ippreżenta rikors, irreġistrat bin-Nru T-133/08, kontra d-Deċiżjoni A 007/2007.

80 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' April 2008, ir-rikorrent ippreżenta rikors, irreġistrat bin-Nru T-134/08, kontra d-Deċiżjoni A 006/2007.

81 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Mejju 2008, ir-rikorrent ippreżenta rikors, irreġistrat bin-Nru T-177/08, kontra d-Deċiżjoni A 005/2007.

82 Permezz ta' digriet tal-President tas-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Settembru 2008, wara li nstemgħu il-partijiet, il-Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, tal-proċedura orali u tas-sentenza.

83 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Frar 2009, ir-rikorrent talab sabiex ikun jista' jippreżenta motiv ġdid, b'mod konformi mal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Ma' dan l-att kien hemm annessi l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mis-CPVO, fit-23 ta' Jannar 2009, waqt il-proċedura orali quddiem il-Bord tal-Appell fil-Każ A 010/2007. Peress li l-att imsemmi u l-anness tiegħu ġew inklużi fil-fajl, il-partijiet l-oħra ġew mistiedna sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom bħala risposta. Is-CPVO kkonforma ma' dan l-invit b'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Marzu 2009. L-intervenjent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fil-kontroreplika.

84 B'miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tat-22 ta' Ġunju 2009, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) stiednet lill-partijiet sabiex jinfurmawha bis-segwitu li kien ġie rriżervat lill-appell fil-Każ A 010/2007 u bil-konsegwenti li kellhom, jekk ikun il-każ, jittieħdu mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell f'dan il-Każ, fir-rigward tas-segwitu tal-proċedura fil-Kawżi magħquda T-133/08, T-134/08 u T-177/08. Il-partijiet ikkonformaw ma' din it-talba fit-termini mogħtija.

85 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrent ippreżenta rikors, irreġistrat bin-Nru T-242/09, kontra d-Deċiżjoni A 010/2007.

86 B'digriet tal-President tas-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2010, wara li nstemgħu l-partijiet, il-Kawżi magħquda T-133/08, T-134/08 u T-177/08 u l-Kawża T-242/09 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

87 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali kienet inbidlet fil-bidu tas-sena ġudizzjarja l-ġdida, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tieni Awla, u konsegwentement il-kawżi preżenti ġew assenjati lil din l-aħħar awla.

88 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali, b'mod konformi mal-Artikolu 135 a tar-Regoli tal-Proċedura, wara li kkonstatat li xi wħud mill-partijiet kienu ressqu talba mmotivata f'dan is-sens fit-terminu mogħti.

89 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) instemgħu fis-seduta tat-28 ta' Frar 2012.

It-talbiet tal-partijiet

90 Fil-Kawża T-133/08, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A 007/2007 u tiddikjara nulla d-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

91 Fil-Kawża T-134/08, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A 006/2007 ;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

92 Fil-Kawża T-177/08, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A 005/2007 ;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

93 Fil-Kawża T-242/09, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni A 010/2007 ;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

94 Barra minn hekk, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tqis li l-fatti jeħtieġu xi kjarifiki, ir-rikorrent jitlob lil din sabiex tadotta, f'din l-istess Kawża T-242/09, il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura segwenti:

— tiġbor il-provi offruti minnu intiżi sabiex isostnu l-affermazzjoni li tgħid li Dr. Menne, waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, iddikjarat li hija ma kinitx tiftakar iktar jekk l-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY kienx twettaq fuq il-pjanti mibgħuta jew fuq tirqid maqtugħ minn dawn tal-aħħar;

— tiġbor il-prova offruta minnu taħt forma ta' perizja sabiex isostni l-affermazzjoni tiegħu li tgħid li t-trattament tal-materjal veġetali tal-ispeċi *Osteospermum* b'regolaturi tat-tkabbir u b'daqs mekkaniku ma "jispiċċax" matul eżami waqt it-tkabbir u li dan jinfluwenza r-riżultati tal-eżami msemmi;

— sa fejn il-Qorti Ġenerali tqis li jkun meħtieġ, tiġbor il-provi l-oħra offruti minnu matul il-proċedura ta' appell u fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

95 Is-CPVO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors fil-Kawża T-133/08 bħala inammissibbli sa fejn jirrigwarda l-annullament tad-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni, u bħala infondat fir-rigward tal-kumplament tiegħu;

— tiċħad ir-rikorsi fil-Kawżi T-134/08 u T-177/08 bħala infondati;

— tiċħad ir-rikors fil-Kawża T-242/09 bħala inammissibbli u, f'kull każ, bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż;

— tiddikjara li huwa jbati biss l-ispejjeż tiegħu fil-każ u sa fejn tiġi milqugħa waħda mit-talbiet tar-rikorsi.

96 Barra minn hekk, is-CPVO jitlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tiċħad it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura ppreżentata mir-rikorrent fil-Kawża T-242/09.

97 F'kull waħda mill-Kawżi T-133/08, T-134/08, T-177/08 u T-242/09, l-intervenjent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż;

Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar ir-relazzjonijiet eżistenti bejn l-erba' kawżi magħquda u dwar l-ordni li fih dawn għandhom jiġu eżaminati

98 Kif jirrileva ġustament ir-rikorrent fil-kitbiet tiegħu u hekk kif irrepeta waqt is-seduta, l-ewwel tliet Kawżi magħquda T-133/08, T-134/08 u T-177/08 huma marbuta flimkien b'relazzjoni stretta ta' interdipendenza, u barra minn hekk huma marbuta mal-Kawża T-242/09 (proċedura għal annullament tal-LEMON SYMPHONY) b'relazzjoni ta' dipendenza, liema ħaġa tiġġustifika li din l-aħħar kawża tiġi eżaminata bi prijorità f'din is-sentenza. Il-konklużjoni ta' din il-kawża jkun effettivament determinanti għar-riżultat tat-tliet kawżi l-oħra, f'każ ta' annullament tad-Deċiżjoni A 010/2007. Sussegwentement, f'ordni degressiv ta' prijorità u ta' dipendenza, il-Kawża T-134/08 (proċedura għal revoka tal-LEMON SYMPHONY), sussegwentement il-Kawża T-133/08 (aġġustament tad-deskrizzjoni tal-LEMON SYMPHONY) u, finalment, il-Kawża T-177/08 (talba għall-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti

fil-Komunità lis-SUMOST 01). Madankollu, dawn it-tliet kawżi ser jiġu eżaminati flimkien, wara din is-sentenza, peress li d-deċiżjonijiet ikkontestati fil-kuntest tagħhom jidhru li huma vvizzjati mill-istess difett proċedurali u mill-istess ksur tad-drittijiet tad-difiża, hekk kif ser jiġi espost fil-punti 216 u s-segwenti iktar 'il quddiem.

99 Waqt is-seduta, ir-rikorrent indika li huwa ma kienx għadu qiegħed isostni t-teżi adottata inizjalment fil-kuntest tal-Kawża T-134/08 u li issa kien qiegħed isostni t-teżi, adottata fil-kuntest tal-Kawża T-242/09, li tgħid li l-LEMON SYMPHONY kienet baqgħet stabbli, iżda ma kinitx ġiet deskritta b'mod adegwat fl-1997. Madankollu, huwa ma irtirax formalment ir-rikors tiegħu fil-Każ T-134/08, b'tali mod li għandu jsir l-eżami tiegħu.

Kawża T-242/09

Fuq l-ammissibbiltà

100 Fid-Deċiżjoni A 010/2007, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li r-rikorrent, fil-kwalità tiegħu bħala parti fil-proċedura destinatarja tad-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament, kellu l-*locus standi* sabiex jaġixxi quddiemu.

101 Is-CPVO ddikjara li ma jaqbilx ma' din il-fehma u josserva li r-rikorrent ma kellux *locus standi* fil-proċediment għal annullament, peress li huwa ma kienx ippreżenta talba għal dan il-għan abbażi tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni. Fil-fatt, skont is-CPVO, il-proċedura msemmija, miftuħa abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament, hija fil-prinċipju proċedura *ex officio*. Madankollu, is-CPVO jqis li l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell huwa mingħajr konsegwenza peress li, skontu, ir-rikorrent seta' jippreżenta appell kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament fi kwalità oħra, jiġifieri bħala persuna direttament u individwalment ikkonċernata minnha.

102 Fid-dawl ta' dan, is-CPVO u l-intervenjent iqisu li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Skont dawn il-partijiet, talba għal annullament tad-drittijiet li tgawdi minnhom varjetà hija ammissibbli biss, fid-dawl tal-Artikolu 20(1)(a) u tal-Artikolu 7 tar-Regolament, jekk jiġu ppreżentati fatti u jiġu prodotti provi li juru li l-varjetà msemmija ma hijiex differenti f'mill-inqas karatteristika rilevanti waħda fil-kostituzzjoni ġenetika minn kull varjetà oħra li l-eżistenza tagħha kienet magħrufa fid-data meta saret l-applikazzjoni għad-drittijiet. Għalhekk, f'dan il-każ, ir-rikorrent invoka biss vizzji proċedurali, li ma humiex rilevanti u għalhekk ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni mis-CPVO jew mill-Bord tal-Appell tagħha fil-kuntest ta' proċediment għal annullament abbażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament.

103 Madankollu, ma jidhirx li huwa neċessarju li tiġi adottata pożizzjoni fuq dawn il-kwistjonijiet peress li, hekk kif ser jiġi espost iktar 'il quddiem, dan ir-rikors għandu, f'kull każ, jiġi miċħud bħala infondat. Skont ġurisprudenza ferm stabbilita, hija effettivament il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa jekk amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tiġġustifikax, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li jiġi miċħud fil-mertu r-rikors f'kawża mingħajr ma tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà mqajma mill-konvenut (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punti 50 sa 52, u tat-22 ta' Novembru 2007, Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo *et* vs Il-Kunsill, C-6/06 P, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 21).

Fuq il-mertu

104 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi, rispettivament ibbażati fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 20 u 7 tar-Regolament, fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament u fuq ksur tal-Artikolu 63(1) u (2) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament

– L-argumenti tal-partijiet

105 Ir-rikorrent jinvoka ksur tal-"prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio*" u jinvoka n-nuqqas ta' koerenza tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, huwa jgħid li ma jikkontestax ir-riżultat ta' evalwazzjoni tal-provi mill-Bord tal-Appell. B'mod kuntrarju, dan tal-aħħar adotta deċiżjoni żbaljata fil-liġi minħabba li dan ma ġabarx u lanqas ma evalwa l-provi, iżda bbaża ruħu unilateralment u mingħajr verifika fondata fuq l-argumentazzjoni bl-ebda mod sostnuta tal-partijiet l-oħra fil-proċedura, ikkwalifikaha bħala "konvinċenti", mingħajr ma kkunsidra l-oġġezzjonijiet rilevanti u mmotivati u lanqas l-offerti ta' prova mressqa minnu.

106 Skont ir-rikorrent, il-Bord tal-Appell ma setax, mingħajr ma jwettaq żball ta' liġi, jasal għall-konklużjoni li l-LEMON SYMPHONY kienet, fl-1997, is-suġġett ta' eżami tekniku regolari u li s-CPVO kien ġustament ikkonstata l-karattru distint ta' din il-varjetà skont l-Artikolu 7 tar-Regolament.

107 B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrent josserva, fl-ewwel lok, li l-Bord tal-Appell kiser l-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament billi naqas milli jiġbor almenu prova waħda offruta minnu, filwaqt li diversi fatti li jikkonċernaw l-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY kienu jeħtieġu li jiġu stabbiliti, u li huwa stess kien talab li jittieħdu l-miżuri investigattivi korrispondenti.

108 F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jibda billi jirrileva li huwa stabbilit li, kuntrarjament għar-rekwiżiti tal-Bundessortenamt, il-materjal veġetali pprovdut mill-intervenjent fl-1997, għall-finijiet tal-eżami tekniku, kien jikkonsisti minn prodotti intiżi għall-bejgħ, f'tirqid, li kienu ġew ittrattati b'regolaturi tat-tkabbir u maqtugħin. Id-diskuzzjoni tirrigwarda biss l-effetti ta' dan it-trattament fuq l-apparenza esterna deskritta fid-deskrizzjoni tal-varjetà.

109 Sussegwentement, huwa jilmenta li l-Bord tal-Appell, l-ewwel nett, ma eżaminax il-kwistjoni dwar fuq liema pjanti kien ibbażat l-eżami tekniku. Ir-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni hija madankollu ta' importanza kbira. Ir-rikorrent kien sostna, fil-fatt, li, għalkemm kien ittieħed xi tirqid f'Jannar 1997, il-pjanti maħruġa minnhom ma setgħux, fil-mument tad-determinazzjoni tal-karatteristiċi f'Awwissu 1997, jinsabu fi stadju ta' tkabbir paragunabbli ma' dak tal-pjanti ta' paragun li kienu s-suġġett ta' provi ta' tkabbir, li kellhom jiġu pprovduti mill-Bundessortenamt fil-bidu ta' Diċembru 1996, u huwa kien offra li jipprova l-affermazzjonijiet tiegħu permezz ta' perizja.

110 F'dan ir-rigward, l-affermazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li "hija prassi kurrenti li l-varjetajiet kollha użati fil-kuntest ta' eżami jiġu mmultiplikati permezz tat-tirqid billi t-tirqid jittieħed fl-istess żmien sabiex ikun żgurat li l-materjali kollha jkollhom l-istess età fiżjoloġika" hija inkoerenti u mhux sostnuta minn provi. Il-Bord tal-Appell bl-ebda mod ma jistabbilixxi li l-"prassi kurrenti" inkwistjoni ġiet effettivament segwita, f'dan il-każ, fir-rigward tal-varjetajiet kollha pparagunati. Huwa jsemmi biss, f'dan ir-rigward, "parir" mogħti mis-CPVO lill-Bundessortenamt sabiex iwettaq l-eżami billi jieħu xi tirqid. Barra minn hekk, l-affermazzjonijiet l-oħra tiegħu dwar l-effetti tar-regolaturi tat-tkabbir kienu jkunu superfluwi li kieku dan ried jiddefendi l-kunċett li jgħid li l-użu ta' tirqid kien eskluda kull influwenza eventwali. F'kull każ, il-prova tas-"suppożizzjoni" li bbaża ruħu fuqha l-Bord tal-Appell ma

hijiex stabbilita, peress li dan ma ordna ebda miżura ta' investigazzjoni intiża sabiex issostni din it-teżi. Din lanqas ma hija bbażata bl-espożizzjoni ta' Dr. Menne, peress li din, waqt is-seduta quddiem il-Bord tal-Appell, esponiet li hija ma kinitx tista' tiftakar iktar jekk l-eżami tekniku kienx twettaq fuq il-pjanti ttrattati jew fuq tirqid meħud minn dawn tal-aħħar.

111 Sa fejn id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Bord tal-Appell ħaseb, huwa wkoll, li l-eżami tekniku tal-1997 kien twettaq fuq pjanti ttrattati kimikament u mekkanikament, ir-rikorrent sussegwentement jilmenta li l-Bord tal-Appell, it-tieni nett, ipproċeda għal konstatazzjonijiet inkoerenti u mhux sostnuti minn provi fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' effett tat-trattament tal-pjanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ifakkar li huwa dejjem sostna li eżami tekniku mwettaq fuq materjal veġetali ttrattat kimikament u mekkanikament li, barra minn hekk, jinsab, bħala "prodott intiż għall-bejgħ f'tirqid", fi stadju ta' tkabbir differenti minn dak tal-"pjanti żgħar" l-oħra użati għall-finijiet ta' paragun, ma jippermettix li jiġi kkonstatat il-karattru distint ta' varjetà b'mod konformi mal-Artikolu 7 tar-Regolament. Sabiex jipprova l-affermazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-effett fit-tul tar-regolaturi tat-tkabbir, huwa kemm-il darba, u għal darb'oħra waqt is-seduta quddiem il-Bord tal-Appell, offra prova permezz ta' perizja u talab li jiġu ordnati miżuri investigattivi f'dan is-sens.

112 Il-konstatazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward mill-Bord tal-Appell, fil-paragrafu 4 tad-deċiżjoni kkontestata (p. 7), ma humiex ibbażati fuq l-argumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet matul il-proċedura quddiemu, iżda fuq suppożizzjonijiet li dan ressaq huwa stess fil-proċedura. Dawn lanqas ma jirriżultaw mill-proċess u ma humiex sostnuti minn provi, peress li, minkejja t-talbiet tar-rikorrent, l-imsemmi Bord ma ordna ebda miżura ta' investigazzjoni, iżda pprefera li jagħti preferenza lill-argumentazzjoni ta' Dr. Menne. Barra minn hekk, l-affermazzjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-inapplikabbiltà tal-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3 huma irrilevanti u, finalment, żbaljati, hekk kif turi l-ittra tal-Bundessortenamt tas-6 ta' Novembru 1996. Finalment, il-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt inkontestabbli li l-pjanti mibgħuta mill-intervenjent kienu "prodotti intiżi għall-bejgħ f'tirqid", fi kliem ieħor pjanti kompletament żviluppati u fil-punt li jiffjorixxu, li ma kienx possibbli li jiġu pparagunati ma suġġetti żgħar.

113 Fit-tieni lok, ir-rikorrent josserva li l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi materjali invokati minnu jew evalwahom b'mod manifestament żbaljat.

114 F'dan il-kuntest, ir-rikorrent ifakkar li huwa kkontesta b'mod kostanti l-pretiża identiċità allegata mis-CPVO bejn il-pjanti eżaminati fl-1997 u fl-2005 bħala materjal tal-pjanti tal-varjetà LEMON SYMPHONY. Skontu, il-fatt li mill-2002, il-varjetà msemmija ma setgħetx tiġi deskritta iktar bl-istess mod bħal fl-1997 jippermetti li jiġi stabbilit in-nuqqas ta' affidabbiltà tal-eżami tekniku ta' din il-varjetà mwettaq dik is-sena, minħabba t-trattament applikat lill-materjal tal-1997. Il-Bord tal-Appell naqas milli jeżamina dan l-argument tar-rikorrent billi, fil-paragrafu 5 tad-deċiżjoni kkontestata (p. 8), wasal għall-konklużjoni li tgħid li l-pjanti tal-LEMON SYMPHONY tal-1997 u tal-2005 kellhom apparenza identika u kien biss minħabba l-applikazzjoni ta' prinċipju ta' direzzjoni emendat li l-varjetà kellha tiġi deskritta b'mod differenti mill-2000. Skont ir-rikorrent, din il-konklużjoni hija irrilevanti.

115 L-ewwel nett, fil-fatt, ebda waħda mill-partijiet ma kkontestat l-argument tar-rikorrent li jgħid li l-pjanti eżaminati fl-2001 bħala materjal veġetali tal-varjetà LEMON SYMPHONY ġew attribwiti, f'dak li jirrigwarda l-karatteristika "Komportament taz-zkuk", il-livell ta' espressjoni "eretti għal semi-eretti (2)". Għalhekk, matul din is-sena ta' eżami, il-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3 kienu diġà ġew applikati. Konsegwentement, ma huwiex possibbli li jiġi spjegat b'mod loġiku l-fatt li, fir-rigward ta' din l-istess karatteristika, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ta' direzzjoni ġġustifika l-attribuzzjoni tal-livell ta' espressjoni "semi-eretti għal orizzontali (5)" biss fl-2005. B'mod kuntrarju, kellha diġà tiġi kkonstatata modifika sinjifikanti tad-deskrizzjoni fl-2001.

116 It-tieni nett, il-fatt li huma l-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3 li, għall-ewwel darba, semmew eżempji ta' varjetajiet għall-karatteristika "Komportament taz-zkuk", filwaqt li t-"tabella tal-karatteristiċi VI" ma semmiethomx, lanqas ma huwa tali li jsostni d-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-argument tar-rikorrent li jgħid li l-varjetajiet kollha ċċitati bħala eżempji (bl-eċċezzjoni tal-varjetà NAIROBI) kienu diġà ġew ikkultivati fil-kuntest tal-eżami tekniku tal-1997 lanqas ma ġie kkontestat. Peress li effettivament sar paragun bejn dawn il-varjetajiet, il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell hija irrilevanti. Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrent li jgħid li l-varjetà ZULU li, fl-1997, kienet ġiet ipparagunata mal-LEMON SYMPHONY, hija varjetà "eretta", ma kien is-suġġett ta' ebda kontestazzjoni. Finalment, il-verżjoni l-ġdida tal-protokoll tekniku tas-CPVO TP/176/1 tal-2007 jipprova n-nuqqas ta' rilevanza tal-affermazzjonijiet tal-Bord tal-Appell. Fil-fatt, skont ir-rikorrent, kieku l-eżempji introdotti fl-2001 ma kinux jirriflettu korrettement il-firxa tal-*Osteospermum*, dawn ma kinux jistgħu jiġu riprodotti tali kwali fil-verżjoni tal-2007.

117 It-tielet nett, il-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni l-posta elettronika tal-Bundessortenamt tat-22 ta' Marzu 2006, li fiha dan l-uffiċċju ddikjara li ma kienx f'pożizzjoni li jistabbilixxi, fl-2006, deskrizzjoni abbażi tat-tabella tal-karatteristiċi VI użata fl-1997. Skont ir-rikorrent, din id-dikjarazzjoni tinsab f'kontradizzjoni mal-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li l-pjanti kellhom, fl-2005, fenotip identiku għal dak tal-pjanti eżaminati fl-1997. Fil-fatt, huwa jqis li, kieku l-pjanti kienu identiċi fl-2005, dawn kien ikollhom, b'applikazzjoni tat-tabella tal-karatteristiċi VI, jiġu deskritti eżattament bl-istess mod bħal fid-deskrizzjoni tal-1997.

118 Ir-raba' nett, il-preżentazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-eżami tal-LEMON SYMPHONY fil-Ġappun hija żbaljata. Kuntrarjament għal dak li sostna l-Bord tal-Appell, din kienet mingħajr kontestazzjoni l-istess varjetà, b'tali mod li kien hemm il-bżonn, skont ir-rikorrent, li jsir approfondiment dwar il-kwistjoni għalfejn il-pjanti kienu ġew evalwati diversament fil-Ġappun.

119 Il-ħames nett, il-Bord tal-Appell bl-ebda mod ma ħa inkunsiderazzjoni l-perizja mwettqa minn Dr. Ludolph għall-intervenjent, li minnha kien jirriżulta li l-LEMON SYMPHONY qatt ma kienet varjetà eretta. Evalwazzjoni korretta ta' dan l-aspett kellha, skont ir-rikorrent, twassal lill-Bord tal-Appell sabiex jikkonkludi li, anki mill-perspettiva tal-intervenjent, l-eżami tekniku tal-varjetà msemmija fl-1997 kienet żbaljata.

120 Is-sitt nett, finalment, id-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni li, minbarra l-LEMON SYMPHONY, ebda varjetà oħra tal-*Osteospermum* ma kienet is-suġġett ta' aġġustament.

121 Is-CPVO u l-intervenjent isostnu li dan il-motiv huwa infondat, b'mod partikolari fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu s-CPVO waqt l-eżami tekniku ta' varjetà u waqt l-użu ta' materjali ta' tkabbir.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

122 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament, is-CPVO għandu jiddikjara d-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità null u bla effett "jekk jiġi stabbilit" li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 jew fl-Artikolu 10 ma kinux imħarsa fiż-żmien tal-għoti tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità.

123 Skont l-Artikolu 76 tar-Regolament, intitolat "Eżami tal-fatti [mis-CPVO] minn jeddu", li l-ksur tiegħu huwa allegat f'dan il-każ, is-CPVO għandu jagħmel investigazzjoni tal-fatti *ex officio* matul il-proċeduri quddiemu, "sal-limitu li dawn jaqgħu taħt l-eżami skont l-Artikoli 54 u 55" tar-regolament imsemmi.

124 Skont l-Artikolu 54 tar-Regolament, is-CPVO għandu jeżamina l-applikazzjoni għal dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità fil-mertu. F'dan il-kuntest, huwa għandu jeżamina, b'mod partikolari, jekk il-varjetà tistax tkun is-suġġett ta' tali drittijiet b'mod konformi mal-Artikolu 5 u jekk din hijiex varjetà ġdida skont l-Artikolu 10 tar-regolament imsemmi.

125 Skont l-Artikolu 55 tar-Regolament, jekk, wara l-ewwel eżami, is-CPVO jikkonstata li ebda ostaklu ma jipprekludi l-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, huwa għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex l-eżami tekniku intiż sabiex tiġi kkontrollata l-osservanza tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 7 sa 9 (kriterji DUS) isir, f'mill-inqas wieħed mill-Istati Membri, mill-organu jew mill-organi kompetenti (uffiċċji tal-eżami).

126 Għalhekk, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 76 tar-Regolament, dwar l-investigazzjoni *ex officio* tal-fatti, hija litteralment inapplikabbli għall-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell li għandu quddiemu appell kontra deċiżjoni tas-CPVO li rrifjutat li tiddikjara, fuq talba ta' parti, in-nullità ta' titolu ta' drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, peress li din il-proċedura ma tifformax parti mill-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament.

127 Fil-kuntest ta' tali proċedura, fil-fatt, il-Bord tal-Appell ma għandux l-obbligu li jipproċedi bl-eżami sostantiv stabbilit fl-Artikolu 54 jew bl-eżami tekniku stabbilit fl-Artikolu 55 tar-Regolament, u lanqas li jiddeċiedi fuq il-legalità ta' tali eżami mwettaq mis-CPVO fil-kuntest ta' talba għall-ksib ta' titolu Komunitarju ta' drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti.

128 Dan għandu jiddeċiedi biss, fuq talba ta' parti kkonċernata, fuq il-legalità ta' deċiżjoni tas-CPVO adottata abbażi tal-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament, li tirrifjuta li tiddikjara d-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità nulli u bla effett minħabba li ma ġiex "stabbilit" minn din il-parti li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 jew fl-Artikolu 10 tar-regolament imsemmi ma kinux issodisfatti fil-mument tal-għoti tad-drittijiet.

129 Peress li proċedura għal annullament ma nfetħitx *ex officio*, iżda fuq talba ta' parti kkonċernata, l-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 20 tiegħu, ipoġġu fuq din il-parti l-oneru tal-prova li huma sodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tiġi deċiża din in-nullità..

130 Ċertament, dan l-arranġament tal-oneru tal-prova u tal-amministrazzjoni tal-prova huwa differenti ħafna minn dak stabbilit fil-qasam tat-trade marks Komunitarji, mill-Artikolu 76 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1), li jipprovdi li "[f]i proċedimenti quddiemu l-Uffiċċju għandu jeżamina l-fatti fuq l-inizzjattiva tiegħu stess; madanakollu, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal ċaħda ta' reġistrazzjoni, l-Uffiċċju għandu jkun ristrett għal eżaminazzjoni ta' fatti, ta' provi u ta' argumenti ppreżentati mill-partijiet u tar-rimedji mitluba". Din id-differenza fis-sistema tal-prova tista' madankollu tiġi spjegata mill-fatt li, diversament mir-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, ir-Regolament ma jagħmilx distinzjoni bejn ir-raġunijiet assoluti u r-raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni.

131 Qabel kollox, is-sistema implementata mir-Regolament hija konformi għal dik implementata, fil-qasam tad-disinni Komunitarji, mill-Artikolu 63(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU L 3, p. 1), li jgħid li:

"Fil-proċeduri quddiemu, l-Uffiċċju għandu jeżamina l-fatti fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu. Madankollu, il-proċeduri li jkollhom x'jaqsmu ma' dikjarazzjoni ta' l-invalidità, l-Uffiċċju għandu jkun ristrett f'din l-eżaminazzjoni bil-fatti, bix-xhieda u bl-argumenti pprovduti mill-partijiet u bir-rimedju mfittex."

132 Barra minn hekk, din is-sistema hija konformi mal-prinċipji ġenerali tal-liġi u mar-regoli tal-proċedura applikabbli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova, b'mod partikolari bil-qawl *actori incumbit onus probandi*. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 81(1)

tar-Regolament, li f'dan il-każ huwa allegat anki l-ksur tiegħu, is-CPVO, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet proċedurali fir-regolament imsemmi jew fir-Regolament ta' implementazzjoni, għandu japplika l-"prinċipji tal-liġi proċedurali li jkunu ġeneralment rikonoxxuti fl-Istati Membri".

133 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala fondat fuq il-premessa żbaljata li l-oneru tal-prova kien jinsab, f'dan il-każ, fuq is-CPVO abbażi tal-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament.

134 F'kull każ, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament li huwa invokat il-ksur tiegħu ma jirriżultax li l-proċedura quddiem is-CPVO għandha natura purament inkwiżitorja. B'mod partikolari, il-"prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio*" msemmi, fir-rigward tal-eżami tekniku, fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 76 tiegħu, għandu jiġi kkonċiljat mar-regola, stabbilita fit-tieni sentenza tal-istess artikolu, li tgħid li s-CPVO għandu jiskarta fatti li ma jkunux ġew invokati u l-provi li ma jkunux ġew prodotti fil-limitu ta' żmien stabbilit minnhu. B'hekk, huma l-partijiet fil-proċedura quddiem is-CPVO li għandhom jinvokaw fi żmien utli l-fatti li huma jridu li jiġu kkonstatati minnu, billi jipproduċu l-provi li jridu li jiġu kkunsidrati insostenn ta' dawn il-fatti.

135 Sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-proċedura ta' appell kontra deċiżjoni tas-CPVO adottata skont l-Artikolu 20 tar-Regolament u li tirrifjuta li tiddikjara n-nullità tat-titolu Komunitarju ta' drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti mogħti lil varjetà ta' pjanti, hija l-parti li tinvoka din in-nullità li għandha tinvoka l-fatti u tipproduċi l-provi li, fil-fehma tagħha, jippermettu li jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 20 tar-Regolament huma ssodisfatti (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni, C-413/08 P, Ġabra p. I-5361, punt 29, u l-ġurisprudenza ċċitata). Meta s-CPVO ma jaqbilx mal-analiżi tagħha, din il-parti xorta waħda jkollha tipprovdi indikazzjonijiet konkreti u sostnuti insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha. Skont il-każ, il-provi fattwali u l-provi hekk invokati jistgħu jkunu tali li jobbligaw lill-parti l-oħra li tipprovdi spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni, li fin-nuqqas tagħha l-Bord tal-Appell ikun jista' jikkonkludi li r-regoli fil-qasam tal-oneru tal-prova jkunu ġew issodisfatti (ara, b'analoġija, is-sentenza Lafarge vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30, u l-ġurisprudenza ċċitata). Qabel kollox, il-Bord tal-Appell għandu l-obbligu li jeżamina, b'kura u b'imparzjalità, il-provi rilevanti kollha tal-każ, filwaqt li jiżgura l-osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u tar-regoli tal-proċedura applikabbli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova.

136 F'dan il-każ, ir-rikorrent essenzjalment jilmenta li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu esklużivament fuq il-verżjoni tal-fatti allegata mis-CPVO u mill-intervenjent, mingħajr ma ġabar jew evalwa l-provi offruti minnu u, b'mod partikolari, mingħajr ma laqa' t-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni li tikkonsisti, f'dan il-każ, f'perizja intiża sabiex jiġi ddeterminat, b'mod partikolari, l-effett tar-regolaturi tat-tkabbir, liema talba huwa kien ressaq darbtejn matul il-proċedura bil-miktub (ara l-punti 72 u 74 iktar 'il fuq) u li kien irrepetiha waqt is-seduta quddiem il-Bord tal-Appell.

137 Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tqis bħala opportun li tiġi applikata b'analoġija lill-Bord tal-Appell tas-CPVO, li huwa organu kważi ġudizzjarju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li talba għal miżuri ta' investigazzjoni mressqa minn parti ma tistax tiġi milqugħa jekk din ma toffrix provi *prima facie* suffiċjenti sabiex ikun hemm lok li jiġu ordnati tali miżuri (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 1966, ILFO vs L-Awtorità Għolja, 51/65, Ġabra p. 125).

138 Issa, kemm waqt il-proċedura amministrattiva quddiem is-CPVO kif ukoll matul il-proċedura ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell, ir-rikorrent qatt ma pproduċa l-ebda prova u lanqas l-ebda ħjiel (bħal studju xjentifiku *ad hoc*, silta minn pubblikazzjoni speċjalizzata, perizja mwettqa fuq talba tiegħu, jew sempliċi dikjarazzjoni ta' espert botaniku jew fl-ortikultura) li tista' tikkostitwixxi prova *prima facie* tal-allegazzjoni tiegħu, irripetuta kemm-il darba, iżda qatt sostnuta, u kontradetta mill-intervenjenti l-oħra kollha fil-proċedura, inkluż il-Bundessortenamt u l-kumitat kompetenti tas-CPVO, li tgħid li trattament mekkaniku u kimiku jew it-tirqid bħal dak imwettaq f'dan il-każ setgħu vvizzjaw l-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY fl-1997.

139 Barra minn hekk, għalkemm il-Bord tal-Appell effettivament qabel, finalment, mal-argumentazzjoni tal-partijiet l-oħra fil-proċedura, huwa ma għamilx hekk "unilateralment u mingħajr verifika", kif isostni r-rikorrent, iżda billi bbaża ruħu fuq l-għarfien tiegħu stess u fuq l-esperjenza tiegħu stess fil-qasam botaniku, wara li eżamina, b'mod partikolari, il-kwistjoni jekk kienx għadu possibbli li l-LEMON SYMPHONY tiġi deskritta, fl-2005, billi jintużaw il-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami TG/176/3 fis-seħħ fl-1997, u billi jiġu esposti r-raġunijiet għalfejn huwa kellu l-ħsieb li jadotta t-teżi tas-CPVO minflok dik tar-rikorrent, hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-paragrafu 4 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma jinvoka ebda ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

140 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-allegat ksur tar-regoli relattivi għall-oneru u għall-amministrazzjoni tal-prova ma huwiex stabbilit biżżejjed fil-liġi.

141 Pjuttost għandu jiġi kkonstatat li, bl-iskuża ta' tali allegazzjoni u kuntrarjament għal dak li jsostni, ir-rikorrent fir-realtà jrid jikseb mingħand il-Qorti Ġenerali evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi rilevanti.

142 Għalhekk, f'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni skont jekk il-konstatazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Bord tal-Appell humiex jew le r-riżultat ta' evalwazzjonijiet kumplessi relatati mal-qasam tal-botanika jew tal-ġenetika, li jeħtieġu esperjenza jew għarfien xjentifiku jew tekniku partikolari.

143 F'każ affermattiv, fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-istħarriġ li għandu jsir mill-Qorti Ġenerali fuq tali konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet ta' fatt huwa dak ta' iżball manifest [sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2008, Schräder vs CPVO (SUMCOL 01), T-187/06, Ġabra p. II-3151, punti 59 sa 63, essenzjalment ikkonfermata fl-appell bis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' April 2010, Schräder vs CPVO, C-38/09 P, Ġabra p. I-3209, punt 77]. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-evalwazzjoni tal-karattru distint ta' varjetà, fir-rigward tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament.

144 F'każ negattiv, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' evalwazzjonijiet ta' fatt li ma għandhomx kumplessità xjentifika jew teknika partikolari, mill-ġurisprudenza msemmija jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għandha twettaq stħarriġ tal-legalità sħiħ jew komplet (sentenza SUMCOL 01, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65, u s-sentenza Schräder vs CPVO, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77).

145 F'dan il-każ, ir-rikorrent qabel kollox jilmenta li l-Bord tal-Appell ma eżaminax il-kwistjoni dwar minn liema materjal veġetali kien finalment twettaq l-eżami tekniku, minn Lulju 1997. L-eżami ta' din il-kwistjoni purament fattwali ma jeħtieġx perizja jew għarfien tekniku partikolari u ma għandu l-ebda kumplessità li tista' tiġġustifika limitazzjoni tal-firxa tal-istħarriġ ġudizzjarju.

146 Madankollu, b'risposta għal dan l-ilment tar-rikorrent, biżżejjed li jiġi osservat li, meta l-Bord tal-Appell irrileva, fil-paragrafu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li "hija prassi kurrenti li jiġu mmoltiplikati f'tirqid il-varjetajiet kollha użati fl-istess ħin sabiex jiġi żgurat li l-materjali kollha jkollhom l-istess età fiżjoloġika", dan għamel il-konstatazzjoni, b'mod impliċitu iżda ċert, li dan kien kien sar ukoll f'dan il-każ.

147 Għalhekk, mhux biss din il-konstatazzjoni hija kompatibbli mal-informazzjoni suġġettiva tal-kawża, kif tirriżulta mill-fajl, iżda l-eżattezza tagħha hija barra minn hekk ikkonfermata kemm mill-kliem tan-nota miktuba bl-idejn tat-30 ta' Jannar 1997, iċċitata fil-punt 11 iktar 'il fuq, "[i]l-Bundessortenamt għamel rimjiet, stenna TK 30/01/97", fejn TK huma l-inizjali tal-uffiċjal tal-Bundessortenamt responsabbli fiż-żmien tal-eżami tekniku, kif ukoll mill-fatt li l-eżami tekniku seħħ biss xhur wara, f'Lulju jew f'Awwissu 1997. Barra minn hekk, din ma hijiex ikkontestata mill-affermazzjonijiet magħmula minn Dr. Menne waqt is-seduta quddiem il-Bord tal-Appell, peress li din sempliċement iddikjarat li hija ma kinitx tiftakar iżjed jekk l-eżami tekniku kienx twettaq fuq il-pjanti mibgħuta mill-intervenjent jew fuq tirqid meħud minnhom.

148 Il-konstatazzjoni msemmija tirċievi wkoll l-oġġezzjoni tar-rikorrent li tgħid li, kieku kien ittieħed xi tirqid mill-pjanti pprovduti mill-intervenjent f'Jannar 1997, il-pjanti maħruġa minnhom ma kinux ikunu jistgħu, fil-mument tad-determinazzjoni tal-karatteristiċi f'Awwissu 1997, jinsabu fi stadju ta' tkabbir paragunabbli ma' dak tal-pjanti ta' paragun li kienu s-suġġett ta' provi ta' tkabbir, li kienu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Bundessortenamt f'Diċembru 1996. Filwaqt li bbaża ruħu fuq l-esperjenza tiegħu stess, il-Bord tal-Appell effettivament osserva li l-prattika tat-tirqid, ikkwalifikata minnu bħala "kurrenti", tapplika għall-varjetajiet kollha użati fil-kuntest tal-eżami tekniku, sabiex jiġi żgurat li l-materjali kollha jkollhom l-istess età fiżjoloġika.

149 Din hija konstatazzjoniji ta' fatt ikkunsidrat bħala magħruf mill-Bord tal-Appell. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kontenzjuż ta' trade mark Komunitarja, l-organi tal-UASI ma humiex marbuta li jistabbilixxu, fid-deċiżjonijiet tagħhom, l-eżattezza ta' fatti magħrufa. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-konstatazzjoni, magħmula mil-Qorti Ġenerali, dwar jekk il-fatti, li fuqhom il-Bord tal-Appell tal-UASI bbaża d-deċiżjoni tiegħu, kinux magħrufa minn kulħadd jew le, tikkostitwixxi evalwazzjoni ta' natura fattwali li, ħlief fil-każ ta' interpretazzjoni ħażina, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' Appell (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' April 2007, UASI vs Celltech, C-273/05 P, Ġabra p. I-2883, punti 39 u 45, u l-ġurisprudenza ċċitata; ara d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2009, Zipcar vs UASI, C-394/08 P, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 42, u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti Ġenerali tqis bħala xieraq li tittrasponi din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, għall-organi tas-CPVO u, it-tieni nett, għall-istħarriġ ġudizzjarju li l-Qorti Ġenerali teżerċita fuq id-deċiżjonijiet tagħhom.

150 F'dan il-każ, ir-rikorrent limita ruħu sabiex ipoġġi indiskussjoni l-konstatazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell, fir-rigward tal-prattika kurrenti tat-tirqid, l-istess bħall-applikazzjoni tagħha għal dan il-każ, mingħajr ma ressaq l-ebda ħjiel jew ipproduċa ebda prova f'dan is-sens. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi kkonfermata, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, l-imsemmija konstatazzjoni ta' fatt magħruf.

151 Għalhekk, l-ewwel ilment tar-rikorrent għandu jiġi miċħud bħala infondat, billi b'mod kuntrarju tiġi kkonfermata l-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li l-eżami tekniku tal-1997 twettaq fuq tirqid meħud mill-pjanti mibgħuta mill-intervenjent.

152 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok għalfejn jiġi eżaminat it-tieni lment tar-rikorrent, li bih dan jilmenta li l-Bord tal-Appell wettaq konstatazzjonijiet inkoerenti u mhux sostnuti minn provi li jirrigwardaw l-allegat nuqqas ta' effett, f'dan il-każ, tat-trattament tal-pjanti b'regolaturi tat-tkabbir. Fil-fatt, dan l-ilment ġie fformulat biss "sa fejn id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Bord tal-Appell kien jaħseb, huwa wkoll, li l-eżami tekniku tal-1997 kien twettaq fuq pjanti ttrattati kimikament u mekkanikament", pjuttost milli fuq tirqid meħud minn dawn il-pjanti. Għalhekk, minn dak li ntqal jirriżulta li l-Bord tal-Appell eskluda tali premessa fattwali.

153 F'kull każ, il-konstatazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward mill-Bord tal-Appell, b'mod abbondanti, fil-paragrafu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, huma bbażati fuq evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura xjentifika jew teknika, li fir-rigward tagħhom l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jillimita ruħu għal dak tal-iżball manifest.

154 Għalhekk, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu s-CPVO fir-rigward tal-evalwazzjonijiet botaniċi kumplessi, l-argumenti mressqa mir-rikorrent ma jirnexxilhomx juru l-eżistenza ta' żball manifest fl-imsemmija konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet.

155 Għalhekk, fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-kwistjoni li tikkonċerna t-trattament kimiku, għandu jiġi rrilevat li, meta l-Bord tal-Appell, li skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, huwa kompost minn tekniċi u minn ġuristi, espona, fil-paragrafu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-tip ta' regolatur tat-tkabbir li jintuża waqt il-multiplikazzjoni normalment ma jkollux effett fit-tul peress li l-kontroll ulterjuri tat-tkabbir tal-pjanta jeħtieġ traxxix supplimentari b'regolaturi tat-tkabbir, huwa

bbaża din l-evalwazzjoni mhux biss fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-intervenjent, ikkwalifikata minnu bħala "konvinċenti", li tgħid li jintużaw regolaturi tat-tkabbir biss fil-fażi inizjali u li l-effetti tagħhom jispiċċaw bejn erba' u sitt ġimgħat wara, iżda anki fuq l-esperjenza prattika u fuq l-esperjenza teknika miksuba mill-membri tiegħu.

156 Sa fejn ir-rikorrent għandu l-intenzjoni li jpoġġi indiskussjoni din l-evalwazzjoni ta' fatt, huwa għandu jipprovdi indikazzjonijiet konkreti u sostnuti li jistabbilixxu l-ineżattezza manifesta tagħha fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

157 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, fl-ebda stadju mill-erba' proċeduri li ressaq quddiem is-CPVO u l-Bord tal-Appell tiegħu, lanqas matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u lanqas, milli jidher, matul il-proċeduri quddiem il-Landgericht Düsseldorf, l-Oberlandesgericht Düsseldorf u l-Bundesgerichtshof, ir-rikorrent ma ppreżenta l-inqas ħjiel jew ma pproduċa l-inqas prova konkreta li tista' ssostni l-allegazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-effett persistenti tar-regolaturi tat-tkabbir.

158 Fir-rigward tal-argumenti l-oħra tar-rikorrent, li bihom dan jilmenta li l-Bord tal-Appell ma rrispondiex għall-kritiki tiegħu dwar in-nuqqas ta' affidabbiltà tal-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY mwettaq fl-1997, espressi fid-dawl tal-evoluzzjoni li kien hemm fid-deskrizzjoni teknika ta' din il-varjetà mill-2001, dawn għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi, peress li, min-naħa waħda, diġà ġie ammess li dan l-eżami tekniku kien, f'kull każ, twettaq fuq materjal veġetali xieraq, jiġifieri t-tirqid meħud mill-pjanti mibgħuta lill-Bundessortenamt mill-intervenjent, u li, min-naħa l-oħra, ir-rikorrent ma identifika ebda varjetà ta' pjanti oħra li minnha l-LEMON SYMPHONY, anki deskritta fis-sens li għandha komportament taz-zkuk "semi eretti għal orizzontali", ma ddistingwitx ruħha b'mod ċar fl-1997. Din l-evalwazzjoni tingħaqad mal-argument żviluppat b'mod prinċipali mis-CPVO u mill-intervenjent, b'risposta għal dan il-motiv.

159 Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk jitqies li, kif isostni r-rikorrent, l-eżami tekniku tal-1997 wassal għal konklużjoni żbaljata fir-rigward tal-livell ta' espressjoni mogħti lill-karatteristika "Komportament taz-zkuk", u li mill-1997 kellu jingħata lill-LEMON SYMPHONY, għal din il-karatteristika, livell ta' espressjoni differenti minn dak attribwit fir-rapport dwar l-eżami tal-Bundessortenamt ta' dik is-sena, dan ma kellu l-ebda impatt fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-karattru distint ta' din il-varjetà, fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regolament, peress li din ma ġietx stabbilita esklużivament, anzi lanqas ma ġiet stabbilita, b'referenza għall-karatteristika msemmija.

160 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva, min-naħa waħda, li d-deskrizzjoni aġġustata tal-LEMON SYMPHONY tal-2006 ma hijiex differenti mid-deskrizzjoni oriġinali tal-1997 ħlief f'dak li jirrigwarda l-karatteristika "Komportament taz-zkuk", li għaliha l-livell ta' espressjoni attribwit għadda minn "eretti" (ara l-punt 12 iktar 'il fuq) għal "semi eretti għal orizzontali" (ara l-punt 25 iktar 'il fuq).

161 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tirrileva li r-rikorrent għadu ma stabbilixxiex li din il-modifika kellha bħala konsegwenza li l-kriterji DUS ma kinux issodisfatti fl-1997. Isegwi li, anki jekk il-LEMON SYMPHONY kienet mill-bidu ġiet deskritta fis-sens li kellha livell ta' espressjoni "semi eretti għal orizzontali" għall-karatteristika "Komportament taz-zkuk", hija kisbet dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità.

162 Ċertament, ir-rikorrent sostna, matul il-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell, li, għalkemm l-eżami tas-SUMOST 01 kien twettaq bl-użu, għall-finijiet tal-eżami ta' paragun, tad-deskrizzjoni inizjali tal-LEMON SYMPHONY, dawn iż-żewġ varjetajiet kienu kkunsidrati bħala kjarament distinti (ara d-deċiżjoni kkontestata A 007/2007, p. 2). Madankollu, din it-teżi ġiet espressament miċħuda mill-Bord tal-Appell, li fid-deċiżjoni kkontestata rrileva li "[i]l-proċedura ta' eżami ma kinitx issegwi *iter* differenti li kieku l-Uffiċċju ma kienx immedjatament aġġusta u rreġistra d-deskrizzjoni

tal-varjetà…" [The test procedure would not have taken a different course if the Office had not immediately adapted and registered the variety description…] Barra minn hekk, ir-rikorrent ma poġġiex speċifikament indiskussjoni din l-evalwazzjoni fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

163 F'kull każ, l-argumenti ta' natura teknika tar-rikorrent ma jistgħux jirnexxu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-istess natura espressi fid-deċiżjoni kkontestata, li huma suġġetti għal stħarriġ marġinali, kif ukoll fid-dawl tal-argumenti mogħtija bħala risposta mis-CPVO u mill-intervenjent.

164 B'mod partikolari, il-fatt li l-materjal veġetali mibgħut mill-intervenjent lill-Bundessortenamt ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn dan l-Uffiċċju, fil-posta elettronika tas-6 ta' Novembru 1996, ma jidhirx li huwa determinanti. Fil-fatt, l-Uffiċċju msemmi indika li l-eżami tekniku kien f'riskju li jiġi affettwat, iżda mhux li ma setax isir. Kif josserva ġustament l-intervenjent, l-eżami u d-deċiżjoni, waqt l-eżami tekniku, dwar jekk il-materjal veġetali mibgħut effettivament ma jkunx xieraq jew jekk, bħal f'dan il-każ, it-teknika tat-tirqid tippermetti li jiġu megħluba d-difetti li dan kellu inizjalment, jifformaw parti mis-setgħa diskrezzjonali tal-uffiċċju nazzjonali kompetenti.

165 Fir-rigward tal-bqija, l-unika kwistjoni kkontestata li hija fil-prinċipju suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju sħiħ tal-Qorti Ġenerali hija, kif jirrileva ġustament ir-rikorrent, dik dwar jekk il-livelli ta' espressjoni li jistgħu jiġu attribwiti lill-karatteristika "Komportament taz-zkuk" għandhomx jiġu ddeterminati skont kriterji relattivi jew assoluti. Fil-fatt, din il-kwistjoni teħtieġ għarfien lingwistiku pjuttost milli botaniku.

166 Madankollu, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' dan l-istħarriġ, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, il-karatteristika "Komportament taz-zkuk", li l-livelli ta' espressjoni tagħha jvarjaw, skont il-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami, minn "eretti" għal "neżlin", li jinkludu bejniethom "semi eretti" u "orizzontali" kif ukoll alternattivi intermedjarji, ma hijiex, ħlief fil-każijiet estremi, karatteristika "assoluta" li tista' tiġi ddeterminata b'mod rigorożament oġġettiv biss mill-kejl tal-anglu tal-inklinazzjoni taz-zkuk, iżda karatteristika li, minħabba l-espressjoni konkreta tagħha, tista', jekk ikun il-każ, tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni ta' paragun relattiv bejn varjetajiet tal-istess speċi, hekk kif jirriżulta b'mod ċar mid-dokument tal-Bundessortenamt tat-18 ta' Mejju 2005 anness bir-referenza A 27 mar-rikors fil-kawża T-177/08.

167 Għalhekk, skont il-Bundessortenamt, l-attribuzzjoni lil-LEMON SYMPHONY fl-1997, għad-deskrizzjoni tal-karatteristika "Komportament taz-zkuk", tal-livell ta' espressjoni "eretti" tirriżulta mill-paragun ta' din il-varjetà mal-varjetajiet ta' riferenza li kienu jinsabu fi tkabbir għall-eżami u mill-konstatazzjoni li l-LEMON SYMPHONY kienet "l-iktar eretta" fost il-varjetajiet li kienu s-suġġett ta' eżamijiet dik is-sena. Sussegwentement, il-multiplikazzjoni fin-numru ta' varjetajiet tal-ispeċi *Ostespermum ecklonis* u l-bidla fil-prinċipji ta' direzzjoni tal-eżami wasslu lill-Bundessortenamt sabiex jipproponi aġġustament ta' din id-deskrizzjoni bl-indikazzjoni tal-livell ta' espressjoni "semi eretti għal orizzontali". Madankollu, il-LEMON SYMPHONY baqgħet kif kienet bejn l-1997 u l-2005. Din ma kinitx bidla materjali fid-deskrizzjoni li tolqot l-identità tal-varjetà, iżda kienet sempliċi bidla fit-termini magħżula inizjalment, li ma tibdilx l-identità tal-varjetà, iżda tippermetti biss li tiġi deskritta aħjar, b'mod partikolari billi tiġi ddelimitata meta mqabbla ma' varjetajiet oħra tal-ispeċi.

168 Il-Qorti Ġenerali tqis li dawn l-ispjegazzjonijiet huma mfissra u konvinċenti biżżejjed sabiex jopponu b'mod solidu għat-tentattiv ta' annullament żviluppat fl-argumentazzjoni tar-rikorrent.

169 Qabel kollox, ir-ritratti użati kemm quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi kif ukoll matul il-proċeduri quddiem is-CPVO (ara l-punt 28 iktar 'il fuq) jikkonfermaw, għall-inqas f'għajnejn osservatur mhux espert, li l-komportament taz-zkuk tal-LEMON SYMPHONY ma nbidilx ħafna bejn l-1997 u l-2005.

170 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 20 u 7 tar-Regolament

– L-argumenti tal-partijiet

171 Ir-rikorrent jilmenta li l-Bord tal-Appell ċaħad ir-rikors tiegħu għar-raġuni biss, imsemmija fil-paragrafu 7 tad-deċiżjoni kkontestata (p. 9), li huwa "ma ċċitax l-isem ta' varjetà waħda biss li, fil-mument tal-applikazzjoni, ma kinitx tiddistingwi ruħha mil-LEMON SYMPHONY, liema ħaġa wara kollox tikkostitwixxi preċiżament waħda mir-rekwiżiti tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament". B'dan, il-Bord tal-Appell injora l-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 20 tar-Regolament.

172 Peress li, fil-fehma tiegħu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-varjetà protetta fil-forma ddefinita mid-deskrizzjoni uffiċjali tagħha, id-drittijiet għandhom jiġu ddikjarati nulli u bla effett jekk u sa fejn is-CPVO jikkonstata li l-varjetà protetta ma ġietx deskritta permezz ta' espressjonijiet ta' karatteristiċi li jirriżultaw mill-ġenotip tal-varjetà, iżda permezz ta' espressjonijiet imputabbli għal trattament kimiku jew mekkaniku. Għalhekk huwa stabbilit li l-varjetà deskritta inizjalment qatt ma eżistiet. Dan huwa preċiżament il-każ f'din il-kawża.

173 Is-CPVO u l-intervenjent jikkontestaw din l-argumentazzjoni.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

174 Dan il-motiv huwa bbażat fuq il-premessa li tgħid li l-varjetà LEMON SYMPHONY "ma ġietx deskritta permezz ta' espressjonijiet ta' karatteristiċi li jirriżultaw mill-ġenotip tal-varjetà, iżda permezz ta' espressjonijiet imputabbli għal trattament kimiku jew mekkaniku", fl-1997.

175 Peress li din il-premessa diġà ġiet miċħuda bħala infondata fil-liġi fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv, b'hekk, dan il-motiv għandu jiġi miċħud ukoll.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament

– L-argumenti tal-partijiet

176 Ir-rikorrent isostni li l-Bord tal-Appell ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq motivi li huwa ma setax jadotta pożizzjoni fuqhom, oralment jew bil-miktub, qabel l-adozzjoni tagħha. Huwa jżid jgħid li dawn l-iżbalji proċedurali kellhom natura determinanti fl-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell.

177 Hawnhekk jinsabu indiskussjoni l-motivi li jolqtu l-"prattika" allegatament "kurrenti" tal-użu ta' tirqid għall-finijiet tal-eżami ta' paragun, l-allegat nuqqas ta' effett fit-tul tat-tip ta' regolatur tat-tkabbir li ntuża waqt il-multiplikazzjoni tal-materjal tal-LEMON SYMPHONY għall-finijiet tal-eżami tekniku, il-konstatazzjoni li tgħid li r-rapport Ġappuniż li jidher fil-fajl kien juri li l-varjetajiet ta' riferenza użati kienu tal-ispeċi *Dimorphoteca* u l-konstatazzjoni li tgħid li, fl-1997, il-Bundessortenamt ma kienx f'pożizzjoni li jsib varjetajiet ta' riferenza li l-varjetà msemmija setgħet tiġi pparagunata magħhom.

178 Is-CPVO u l-intervenjent jikkontestaw din l-argumentazzjoni.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

179 Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament, id-deċiżjonijiet tas-CPVO għandhom ikunu mmotivati u jistgħu jkunu bbażati biss fuq motivi u provi li fuqhom il-partijiet fil-proċeduri setgħu jadottaw pożizzjoni, oralment jew bil-miktub.

180 L-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-Artikolu 75 tar-Regolament huwa intiż sabiex jiżgura l-implementazzjoni tiegħu mis-CPVO, timplika, bħala regola ġenerali, li l-partijiet fi proċedura għandhom dritt li jkollhom l-opportunità jieħdu pożizzjoni dwar il-fatti u d-dokumenti li fuqhom ser tkun ibbażata deċiżjoni ġudizzjarja, kif ukoll li jiddiskutu l-provi u l-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-qorti u l-motivi li fuqhom din tal-aħħar ikollha l-intenzjoni tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Sabiex ikunu ssodisfatti r-rekwiżiti marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq, huwa importanti li l-partijiet ikollhom l-opportunità ta' trattazzjoni kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċedura (ara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2009, M vs EMEA, C-197/09 RX-II, Ġabra p. I-12033, punt 41, u l-ġurisprudenza ċċitata).

181 Fi kliem ieħor, dan id-dritt għandu jinftiehem fis-sens li jiżgura li l-partijiet ma jkunux ikkonfrontati minn deċiżjoni ġudizzjarja kompletament mhux mistennija. Madankollu, dan ma jfissirx li l-qorti għandha tagħti lill-partijiet id-dritt li jinstemgħu fir-rigward ta' kull punt tal-evalwazzjoni ġuridika tagħha qabel ma tagħti d-deċiżjoni tagħha (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2010, Bui Van vs Il-Kummissjoni, T-491/08 P, Ġabra p. II-2579, punt 85).

182 Fir-rigward tal-motiv li jirrigwarda l-"prattika komuni" tal-użu ta' tirqid għall-finijiet tal-eżami ta' paragun, diġà ġie espost, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv, li dan jikkonċerna l-konstatazzjoni ta' fatt magħruf. Peress li l-organi tas-CPVO ma humiex marbuta li jistabbilixxu, fid-deċiżjonijiet tagħhom, l-eżattezza ta' tali fatti, id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent ma jistgħux ikunu ġew miksura minħabba sempliċi konstatazzjoni bħal din, meta din il-kwistjoni lanqas biss ma ġiet dibattuta bil-miktub jew waqt seduta quddiem il-Bord tal-Appell.

183 F'kull każ, ir-rikorrent ma huwiex kredibbli meta jippretendi li ma jafx bl-eżistenza ta' tali prattika, li r-realtà tagħha hija ammessa kemm mis-CPVO kif ukoll mill-intervenjent. B'hekk, kemm mir-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament, ippreżentat quddiem il-Bord tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 2007, kif ukoll fin-noti kumplimentari tiegħu tat-12 ta' Jannar 2009, huwa stess kien semma' l-possibbiltà li l-pjanti mibgħuta mill-intervenjent kienu tirqid u li dan it-tirqid sussegwentement intuża waqt l-eżami tekniku (ara l-punti 72 u 74 iktar 'il fuq).

184 Fir-rigward tal-bqija, dan il-motiv huwa ineffettiv, sa fejn huwa dirett kontra l-motivi l-oħra tad-deċiżjoni kkontestata li jsemmi r-rikorrent. Fil-fatt, dawn il-motivi l-oħra huma superfluwi fl-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel motiv. Konsegwentement, l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża fir-rigward tad-dikjarazzjoni tagħhom, anki jekk tiġi stabbilita, ma huwiex ta' natura li jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

185 Għalhekk, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 63(1) u (2) tar-Regolament ta' implementazzjoni

– L-argumenti tal-partijiet

186 Ir-rikorrent isostni li, waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2009 quddiem il-Bord tal-Appell kif ukoll fil-proċess verbal ta' din is-seduta (annessa bin-numru K 12 mat-talba), id-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 63 tar-Regolament ta' implementazzjoni ġew "miksura b'mod intensiv". Il-proċess verbal ma ġie moqri lill-ebda waħda mill-partijiet fil-proċeduri u konsegwentement, dan tal-aħħar ma ġie

approvat minn ebda waħda minnhom. Barra minn hekk, il-proċess verbal fih diversi ineżattezzi. Id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari dawk ta' Dr. Menne, li kienu favorevoli għalih, ma ġewx inklużi fil-proċess verbal, liema ħaġa għamlet kunsiderevolment iktar diffiċli r-rivendikazzjoni tad-drittijiet tiegħu. Fir-rigward tal-bqija, ir-rikorrent jirreferi għat-termini tan-nota tiegħu lill-Bord tal-Appell tat-30 ta' Marzu 2009, li jinsabu riprodotti fil-punt 77 iktar 'il fuq.

187 Is-CPVO u l-intervenjent jikkontestaw din l-argumentazzjoni.

188 Peress li b'mod iktar partikolari l-intervenjent sostna li l-proċess verbal effettivament inqara, għaliex il-President tal-Bord tal-Appell kienet iddettatu fuq apparat li jirreġistra, waqt is-seduta, ir-rikorrent irribatta, permezz tad-dikjarazzjoni personali tal-avukat tiegħu, li din l-aħħar affermazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-proċess verbal tas-seduta u dwar il-qari tiegħu lill-partijiet hija falza. Huwa joffri li jipproduċi l-prova ta' dan bis-smigħ bħala xhieda tal-President tal-Bord tal-Appell u tal-President tas-CPVO.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

189 Skont l-Artikolu 63(1) u (2) tar-Regolament ta' implementazzjoni:

"1. Il-minuti tal-proċedimenti orali u tat-teħid tax-xiehda għandhom iniżżlu l-essenzjali fil-proċedimenti orali jew tat-teħid tax-xiehda, id-dikjarazzjonijiet rilevanti magħmula mill-partijiet fil-proċedimenti, is-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-proċedimenti, tax-xhieda jew ta' l-esperti u r-riżultat ta' kull spezzjon.

2. Il-minuti tat-testimonjanza ta' xhud, espert jew ta' parti fil-proċedimenti għandhom jinqraw jew jiġu ssottomessi lilhom sabiex ikunu jistgħu jeżaminawhom. Għandu jiġi nnotat fil-minuti illi din il-formalità tkun saret u li l-persuna li tkun tat it-testimonjanza tapprova l-minuti. Meta l-approvazzjoni tiegħu ma tingħatax, l-oġġezzjonijet tiegħu jiġu nnotati."

190 B'hekk, il-funzjoni primarja tal-proċess verbal tas-seduta (u tax-xhieda li takkumpanjah, jekk ikun il-każ), kemm jekk ikun quddiem il-Qorti Ġenerali jew quddiem organu kważi ġudizzjarju, bħall-Bord tal-Appell tas-CPVO, hija li jkun fih l-elementi "essenzjali" (Artikolu 63(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni) tal-proċedura orali u tax-xhieda. B'hekk, dan bl-ebda mod ma huwa traskrizzjoni tas-seduta, u lanqas rendikont eżawrjenti tagħha, li jirripproduċi fid-dettall id-dibatti li jkun saru fiha.

191 Barra minn hekk, huwa komuni, quddiem il-Qrati tal-Unjoni, li d-dikjarazzjonijiet "rilevanti" tal-partijiet fil-proċedura, jiġifieri dawk li jistgħu jkollhom effett fuq il-konklużjoni tal-kwistjoni (bħar-rinunzja għal kap tat-talbiet, il-kalkolu tal-ammont ta' pretensjoni, l-ammissjoni ta' fatt rilevanti jew l-invokazzjoni ta' argument jew ta' fatt ġdid) jiġu annessi fil-proċess verbal tas-seduta mir-Reġistratur, jew *ex officio*, jew fuq talba tal-Qorti jew ta' waħda mill-partijiet.

192 Huwa fid-dawl ta' dawn il-ftit kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali li għandhom jiġu eżaminati d-diversi lmenti tar-rikorrent.

193 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-allegat nuqqas ta' qari tal-proċess verbal u, konsegwentement, tan-nuqqas ta' approvazzjoni mill-partijiet, biżżejjed li jiġi kkonstatat li f'dan il-każ, ma kienx hemm "minuti tat-testimonjanza ta' xhud, espert jew ta' parti fil-proċedimenti", fis-sens tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, b'tali mod li ma kienx hemm lok għalfejn isir qari tal-proċess verbal, u lanqas li jiġi approvat mill-"persuna li tkun tat it-testimonjanza". Għalhekk, l-argumenti tar-rikorrent ibbażati fuq l-ommissjoni ta' dawn il-formalitajiet għandhom jiġu miċħuda bħala irrilevanti.

194 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-allegati "ħafna ineżattezzi li jinsabu fil-proċess verbal", dan għandu jiġi miċħud immedjatament peress li r-rikorrent ma jidentifikomx. Madankollu, sa fejn dan l-ilment jikkoinċidi ma' dawk ifformulati fl-ittra tal-Bord tal-Appell tat-30 ta' Marzu 2009, u rripetuti fir-rikors T-242/09, issir riferenza għall-punt 196 iktar 'il quddiem.

195 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' riferenza fil-proċess verbal tad-dikjarazzjonijiet essenzjali tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari dawk ta' Dr. Menne, li kienu favorevoli għar-rikorrent, dan għandu jiġi miċħud ukoll bħala nieqes mill-iktar preċiżjoni elementari. Madankollu, sa fejn ir-rikorrent jirreferi għad-dikjarazzjoni li tgħid li Dr. Menne qalet li hija ma tiftakarx iżjed jekk l-eżami tekniku tal-LEMON SYMPHONY fl-1997 kienx twettaq fuq il-pjanti mibgħuta mill-intervenjent lill-Bundessortenamt jew fuq tirqid meħud minnhom, dan għandu jiġi miċħud ukoll peress li d-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li kkonstatat b'mod impliċitu li l-eżami tekniku tal-1997 kien twettaq fuq tirqid, kienet ukoll, essenzjalment, ikkunsidrat iż-żewġ possibbiltajiet sabiex tikkonkludi, f'kull każ, li l-eżami tekniku kien regolari. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-fatt, id-dikjarazzjoni ta' Dr. Menne ma tistax tiġi kkwalifikata bħala essenzjali.

196 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-ilmenti fformulati fl-ittra tar-rikorrent tat-30 ta' Marzu 2009, hekk kif ġew ripetuti fir-rikors u riprodotti fil-punt 77 iktar 'il fuq, għandu jingħad is-segwenti:

— l-ilment ibbażat fuq l-allegata "preżentazzjoni mhux preċiża tal-allegat ftehim konkluż bejn [is-CPVO] u l-Bundessortenamt", b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni ta' Dr. Menne għas-seduta, bħala espert tekniku intern, aġent tas-CPVO, huwa irrilevanti, peress li, fil-kuntest ta' dan ir-rikors (u diversament mir-rikorsi fil-Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08), ir-rikorrent ma jinvoka ebda motiv għal annullament ibbażat fuq il-fatt ta' din il-parteċipazzjoni;

— l-ilment ibbażat fuq l-ommissjoni mill-proċess verbal tal-"indikazzjonijiet ipprovduti minn Dr. Menne" waqt is-seduta huwa relatat, f'dak li jirrigwarda l-punt 3(a) tal-ittra tar-rikorrent tat-30 ta' Marzu 2009, mal-ilment eżaminat fil-punt 195 iktar 'il fuq; barra minn hekk, dan għandu jiġi miċħud, f'dak li jirrigwarda l-punt 3(b) u (c) tal-ittra msemmija, fin-nuqqas ta' kull artikolazzjoni komprensibbli mal-motivi u mal-argumenti ta' dan ir-rikors;

— l-ilment ibbażat fuq l-ommissjoni mill-proċess verbal tal-"offerti ta' prova tar-rikorrent", ifformulati waqt is-seduta, għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 136 sa 140 iktar 'il fuq;

— l-ilment ibbażat fuq "impreċiżjonijiet u ommissjonijiet oħra" huwa relatat, f'dak li jirrigwarda l-punt 5(a) tal-ittra tar-rikorrent tat-30 ta' Marzu 2009, mal-ilment espost fl-ewwel inċiż iktar 'il fuq; barra minn hekk għandu jiġi miċħud, f'dak li jirrigwarda l-punt 5(b) tal-ittra msemmija, fin-nuqqas ta' kull artikolazzjoni komprensibbli mal-motivi u l-argumenti ta' dan ir-rikors.

197 Għaldaqstant, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Konklużjonijiet fuq il-mertu tal-Kawża T-242/09

198 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-rikors fil-Kawża T-242/09 għandu jiġi miċħud bħala infondat, mingħajr ma hemm il-bżonn li tittieħed deċiżjoni dwar it-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura mressqa mir-rikorrent (ara l-punt 94 iktar 'il fuq).

Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08

Fuq il-mertu tar-rikorsi

Espożizzjoni ġenerali tad-diversi motivi tar-rikorsi

199 Insostenn tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-133/08, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi, rispettivament ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 71(1) u tal-Artikolu 68 tar-Regolament, fuq ksur tal-Artikolu 73 tar-Regolament u tal-Artikolu 230 KE u, finalment, fuq ksur tal-Artikolu 48 tar-Regolament.

200 Insostenn tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-134/08, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi, ibbażati rispettivament fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 71(1) u tal-Artikoli 21, 67 u 68 tar-Regolament, fuq ksur tal-Artikolu 73 tar-Regolament u tal-Artikolu 230 KE u, finalment, fuq ksur tal-Artikolu 48 tar-Regolament.

201 Insostenn tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-177/08, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi, rispettivament ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 81(2) u 48 tar-Regolament, fuq ksur tal-Artikolu 60 tar-Regolament ta' implementazzjoni, fuq ksur tal-Artikolu 62 tar-Regolament u, finalment, fuq ksur tal-Artikolu 48 tar-Regolament. Il-motiv il-ġdid li l-preżentazzjoni tiegħu intalbet b'att tal-25 ta' Frar 2009 (ara l-punt 83 iktar 'il fuq) huwa relatat mat-tielet wieħed minn dawn il-motivi u ser jiġi, jekk ikun il-każ, eżaminat flimkien miegħu.

202 Għandha tingħata prijorità lill-eżami tal-motiv, komuni għat-tliet rikorsi, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni u tad-dritt għal smigħ.

Fuq il-motiv, komuni għat-tliet rikorsi, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni u tad-dritt għal smigħ

– L-argumenti tal-partijiet

203 Ir-rikorrent isostni li t-tliet deċiżjonijiet ikkontestati ġew adottati bi ksur tad-dritt għal smigħ tiegħu u tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, peress li l-proċedura orali saret, fl-4 ta' Diċembru 2007, waqt seduta li huwa ma kienx ġie msejjaħ b'mod regolari għaliha u li huwa rrifjuta li jidher fiha għal motivi leġittimi.

204 Skont is-CPVO, ir-rikorrent ma jistax jilmenta mill-fatt li rċieva t-taħrika biss fis-6 ta' Novembru 2007, peress li kien sar ftehim miegħu minn qabel fir-rigward tad-data tas-seduta prevista u peress li ma huwa ma ħassarx il-ftehim, b'mod iġġustifikat, fit-terminu li kien ingħatalu għal dan il-għan fil-kuntest tal-preparazzjoni tal-proċedura orali.

205 L-ewwel nett, is-CPVO jenfasizza li l-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni ma jipprekludix li l-Bord tal-Appell u l-partijiet fil-kawża jiftiehmu dwar id-data tal-proċedura orali. Dan l-approċċ huwa indikat ukoll fid-dawl tan-numru kbir ta' persuni involuti fil-proċedura u fid-dawl tat-terminu minimu qasir ta' xahar stabbilit minn din id-dispożizzjoni.

206 It-tieni nett, is-CPVO isostni li, hekk kif jirriżulta mill-posta elettronika tas-segretarjat tal-Bord tal-Appell lill-President tiegħu tal-20 ta' Settembru 2007, id-data tas-seduta kienet diġà ġiet miftiehma f'dak il-mument, b'tali mod li l-faks tal-Bord tal-Appell lill-partijiet tad-9 ta' Ottubru 2007 ma tistax

ħlief tiġi kkwalifikata bħala konferma bil-miktub ta' dan il-ftehim. It-terminu li jiskadi fid-19 ta' Ottubru 2007, mogħti lill-partijiet f'din il-faks, ma huwiex terminu għall-ftehim, iżda terminu sabiex jintbagħtu oġġezzjonijiet kontra ż-żamma tas-seduta, ibbażati biss fuq motivi ta' impediment relattivi għad-data ffissata. Għalhekk, l-ittra tar-rikorrent tad-19 ta' Ottubru 2007 ma fiha ebda argument li jippermetti li jiġu rikonoxxuti tali oġġezzjonijiet.

207 It-tielet nett, is-CPVO isostni li r-rimarki tal-President tal-Bord tal-Appell, fil-posta elettronika tagħha tas-17 ta' Ottubru u tal-5 ta' Novembru 2007, dwar il-ħlas tat-taxxi fil-Każ A 007/2007, ma jfissrux li d-data miftiehma kienet tpoġġiet indiskussjoni.

208 Ir-raba' nett, fil-każ li l-Qorti Ġenerali ma ssegwix it-teżi tiegħu li tgħid li kien diġà ntlaħaq ftehim dwar data f'Ottubru 2007, is-CPVO jsostni li l-ftehim għandu jinftiehem fis-sens li l-partijiet fil-proċedura kienu ftiehmu fuq terminu għad-dehra iqsar skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

209 Il-ħames nett, f'kull każ, is-CPVO jsostni li s-sens u l-iskop tat-terminu għad-dehra, li huma li l-partijiet ikunu jistgħu jadottaw il-miżuri utli għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura orali u li jingħataw biżżejjed żmien sabiex jippreparaw, ġew osservati f'dan il-każ. Barra minn hekk, il-fatt li t-terminu minimu ta' xahar inqabeż b'jumejn biss huwa "ħaġa żgħira" li r-rikorrent ma jistax jinvokat fid-dawl tal-isfond. Tali "manuvra" għandha fil-fatt tiġi kkwalifikata bħala abbużiva, fid-dawl tal-fatti li ppreċedew is-sejħa. Finalment, is-CPVO jikkwalifika l-allegat difett proċedurali bħala "insinjifikanti" u jinvoka l-ġurisprudenza li tgħid li rikorrent ma għandu ebda interess leġittimu fl-annullament minħabba difett proċedurali ta' deċiżjoni fil-każ fejn l-amministrazzjoni tkun tista' biss tagħti deċiżjoni ġdida identika (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Lulju 1983, Geist vs Il-Kummissjoni, 117/81, Ġabra p. 2191, punt 7). Dan huwa l-każ f'din il-kawża peress li, skont is-CPVO, il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell kien korrett fir-rigward tal-mertu.

210 Finalment, fir-rigward tas-sejħa tal-avukat tar-rikorrent quddiem il-Landgericht Hamburg, fil-5 ta' Diċembru 2007, is-CPVO rrileva li din saret wara l-ftehim li seħħ f'dan il-każ u jżid li l-persuna interessata setgħet tidher f'Angers fl-4 ta' Diċembru u f'Hamburg fil-5 ta' Diċembru.

211 Skont l-intervenjent, l-uniku skop tan-notifika tad-9 ta' Ottubru 2007 kien dak li jintlaħaq ftehim fuq data mal-partijiet, wara li l-President tal-Bord tal-Appell kienet żgurat ruħha permezz tat-telefon mal-avukati tagħhom li din id-data kienet minnha nnifisha tista' tiġi kkunsidrata. Inizjalment, ir-rikorrent ma esprima ebda oġġezzjoni għal din in-notifika u għalhekk kellu jikkunsidra bħala kkonfermat li s-seduta kienet ser issir fid-data miftiehma. Barra minn hekk, ir-riferenza għall-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, fin-notifika tad-9 ta' Ottubru 2007, turi b'mod ċar li din kienet meqjusa li kellha effett imperattiv.

212 L-intervenjent iqis ukoll li l-Bord tal-Appell ma kellux jieħu inkunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet espressi mir-rikorrent fl-ittra tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2007, peress li dawn ma kinux jikkonċernaw motiv ta' impediment marbut mad-data tas-seduta bħala tali, iżda biss il-kwistjoni jekk l-istat tal-proċedura kienx jiġġustifika li tinżamm proċedura orali fil-bidu ta' Diċembru. Għalhekk, id-deċiżjoni dwar din il-kwistjoni tifforma parti mis-setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell.

213 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrent ibbażat fuq is-sejħa tal-avukat tiegħu quddiem il-Landgericht Hamburg, l-intervenjent iqisu bħala ineffettiv peress li d-data tas-seduta quddiem il-Bord tal-Appell kienet ġiet miftiehma bil-quddiem. Għalhekk, l-imsemmi avukat kellu jitlob differiment tas-seduta quddiem il-Qorti Ġermaniża, jekk kellu dubju li seta' jkun ippreparat biżżejjed minħabba s-seduta quddiem il-Bord tal-Appell.

214 B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-kwistjoni tal-*locus standi* tar-rikorrent fil-Kawża T-133/08, l-intervenjent iqis li dan is-suġġett kien ġie kjarament indirizzat fil-posta elettronika tal-President tal-Bord tal-Appell.

215 Finalment, fil-kontroreplika tiegħu, l-intervenjent jenfasizza li, għalkemm, kif jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, huwa possibbli li jsir ftehim fuq terminu għad-dehra iqsar, għandu *a fortiori* jiġi applikat l-istess prinċipju f'dak li jirrigwarda data għal seduta li ġiet iffissata ħafna qabel it-terminu ta' xahar. L-iffissar ta' tali data huwa barra minn hekk konformi mal-prinċipji li jsostnu l-ħtieġa ta' sejħa, jiġifieri li tiġi żgurata r-regolarità u l-ekwità tal-proċedura.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

216 Skont l-Artikolu 59 tar-Regolament ta' implementazzjoni:

"1. Il-partijiet fil-proċedimenti għandhom jiġu mħarrka għall-proċedimenti orali kif ipprovvdut fl-Artikolu 77 tar-[Regolament] u għandha tiġi miġbuda l-attenzjoni tagħhom għall-paragrafu 2 tiegħu. Għandu jingħata mill-anqas xahar żmien min-notifika tat-taħrika mibgħuta lill-partijiet fil-proċedimenti għajr jekk il-partijiet fil-proċedimenti u [s-CPVO] jiftiehmu dwar perjodu inqas taż-żmien.

2. Jekk parti fil-proċedimenti li tkun ġiet imħarrka [regolarment] għall-proċedimernti orali quddiem [is-CPVO] ma tidhirx kif imħarrka, il-proċedimenti jistgħu jissoktaw mingħajrha."

217 F'dan il-każ, ma huwa kkontestat la mis-CPVO u lanqas mill-intervenjent, u wara kollox ġie espressament rikonoxxut mill-Bord tal-Appell, fit-tliet deċiżjonijiet ikkontestati, li t-terminu minimu għad-dehra ta' xahar stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni ma ġiex osservat, peress li s-sejħa għas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2007 ġiet innotifikata lir-rikorrent biss fis-6 ta' Novembru 2007.

218 Fil-fatt, fid-dawl tat-titolu u tat-termini tagħha, il-faks tal-Bord tal-Appell tad-9 ta' Ottubru 2007 ma jista' f'ebda każ jitqies li ssodisfa l-funzjoni ta' sejħa tar-rikorrent fil-forma t-tajba u dovuta u fit-terminu stabbilit, iktar u iktar meta din ma ġietx imfassla fil-lingwa tal-proċedura u meta ma ġietx innotifikata lid-destinatarju tagħha b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 64 u s-segwenti tar-Regolament ta' implementazzjoni, jiġifieri b'ittra rreġistrata b'irċevuta. Qabel kollox, din il-faks tindika li l-Bord tal-Appell "għandu l-intenzjoni li" (intends to) jsejjaħ lill-partijiet għall-proċedura orali f'data partikolari.

219 L-unika kwistjoni hija b'hekk dik jekk dan in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu minimu ta' xahar jikkostitwixxix difett proċedurali sostanzjali, ta' natura li jiġġustifika l-annullament tat-tliet deċiżjonijiet ikkontestati.

220 F'dan ir-rigward, għandhom qabel kollox jiġu eżaminati ż-żewġ motivi mressqa mill-Bord tal-Appell, f'kull waħda mit-tliet deċiżjonijiet ikkontestati, sabiex jiġġustifika l-iffissar tad-data tas-seduta għall-4 ta' Diċembru 2007, jiġifieri f'terminu inferjuri għat-terminu minimu għad-dehra ta' xahar stabbilit fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, minkejja l-oġġezzjonijiet imressqa mill-avukat tar-rikorrent fil-posta elettronika tiegħu tal-20 ta' Settembru, 19 ta' Ottubru, 5, 14 u 29 ta' Novembru 2007.

221 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrent aċċetta bil-miktub, fid-9 ta' Ottubru 2007, id-data tas-seduta proposta mill-Bord tal-Appell, huwa minnu li, b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, huwa mixtieq li l-partijiet jiftiehmu mas-CPVO fuq terminu għad-dehra iqsar minn dak ta' xahar normalment stabbilit minn din l-istess dispożizzjoni.

222 Barra minn hekk, hemm bżonn li l-ftehim tal-partijiet fuq terminu iqsar ikun ċert, għaliex fin-nuqqas ta' dan ikun hemm riskju li jinkiser il-prinċipju ta' ċertezza legali. B'hekk, tali ftehim ma jistax jiġi sempliċement preżunt u lanqas dedott b'mod impliċitu mill-fatt li jseħħu ċerti ċirkustanzi konfużi jew ambigwi.

223 B'hekk, f'dan il-każ, il-ftehim tar-rikorrent fuq id-data tal-4 ta' Diċembru 2007 ma jistax jiġi dedott mis-sempliċi fatt li l-avukat tiegħu bagħat lura l-faks tad-9 ta' Ottubru 2007 iffirmata, kif mitlub, bħala "konferma tal-irċevuta". Fil-fatt, mid-definizzjoni tagħha stess, konferma tal-irċevuta tillimita ruħha sabiex tipprova li dokument ġie rċevut. Bħala tali, din ma tesprimi ebda manifestazzjoni ta' volonta li tista' tikkontribwixxi għall-formazzjoni ta' ftehim bejn il-partijiet.

224 Kuntrarjament għal dak li jsostni s-CPVO fil-kitbiet tiegħu, il-ftehim tal-partijiet fuq id-data tal-4 ta' Diċembru 2007 lanqas ma jista' jiġi dedott mill-posta elettronika mibgħuta mis-segretarjat tal-Bord tal-Appell lill-President tiegħu fl-20 ta' Settembru 2007 (ara l-punt 47 iktar 'il fuq; dokument anness Nru 11 man-noti tad-difiża). Minbarra l-fatt li tali posta elettronika, interna għas-CPVO, ma hijiex opponibbli kontra r-rikorrent f'każ ta' kontestazzjoni min-naħa tiegħu, it-termini tagħha jsemmu biss kuntatti preliminari mal-partijiet interessati fir-rigward tad-determinazzjoni ta' data tas-seduta "li tista' tkun konvenjenti għall-partijiet ikkonċernati kollha", li kienet tidher "possibbli" biss matul l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2007. Għalhekk, dawn it-termini ma jurux ftehim li diġà seħħ bejn il-partijiet, fir-rigward tad-data tas-seduta li kellha tiġi stabbilita, fl-20 ta' Settembru 2007. Barra minn hekk, b'ittra tal-istess jum lill-Bord tal-Appell (ara l-punt 48 iktar 'il fuq; Anness Nru 7 fir-rikors T-133/08), mibgħut preċiżament b'reazzjoni għal dawn il-kuntatti telefoniċi ta' esplorazzjoni, l-avukat tar-rikorrent kien ressaq xi oġġezzjonijiet ta' prinċipju għaż-żamma ta' seduta fil-Każijiet A 005/2007 u A 006/2007, sakemm is-CPVO jkun adotta deċiżjoni wkoll fil-Każ A 010/2007. Dawn l-oġġezzjonijiet ġew ripetuti b'ittra tad-19 ta' Ottubru 2007.

225 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrent ma għamilx użu mill-possibbiltà li kienet ġiet irriżervata lilu li jinvoka bil-miktub impediment milli jassisti għas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2007, ibbażat fuq oġġezzjonijiet motivati, f'terminu ta' għaxart-ijiem li jiskadi fid-19 ta' Ottubru 2007, għandu jiġi mfakkar li l-faks tad-9 ta' Ottubru 2007 kienet tindika: "Sakemm is-segretarjat tal-Bord tal-Appell tas-CPVO ma jirċevix oġġezzjonijiet immotivati mingħandkom, fi żmien għaxart-ijiem mid-data ta' din il-faks, ikun preżunt li d-data proposta hija aċċettabbli u konsegwentement jintbagħtu n-notifiki."

226 Madankollu, għar-raġunijiet, diġà esposti iktar 'il fuq, marbuta mat-trażmissjoni tal-ittra tal-oġġezzjonijiet tal-20 ta' Settembru 2007 (għal liema ittra intbagħtet risposta biss fis-17 ta' Ottubru 2007), ma kienx possibbli li n-nuqqas ta' reazzjoni tar-rikorrent għall-faks tad-9 ta' Ottubru 2007 tinbidel fi preżunzjoni ta' aċċettazzjoni impliċita jew taċita tad-data msemmija fil-faks imsemmija.

227 Qabel kollox, il-President tal-Bord tal-Appell kienet taf tajjeb bl-oppożizzjoni ta' prinċipju u mmotivata tar-rikorrent għaż-żamma tas-seduta fl-4 ta' Diċembru 2007, hekk kif turi l-ittra tagħha lill-avukat tar-rikorrent tas-17 ta' Ottubru 2007, li, b'risposta għall-posta elettronika tiegħu tal-20 ta' Settembru 2007, kienet tinformah li "t-talba tar-rikorrent tal-20 ta' Settembru 2007 intiża għall-ksib tad-differiment tas-seduta għat-tliet proċedimenti ma [kinitx ġiet] milqugħa mill-Bord".

228 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li kien ukoll fid-19 ta' Ottubru 2007 li r-rikorrent ippreżenta r-rikors quddiem il-Bord tal-Appell kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament. Dan il-fatt, li jikkostitwixxi fatt ġdid u importanti għall-finijiet tal-iżvolġiment tajjeb tad-diversi proċeduri quddiem l-imsemmi Bord tal-Appell, kif ukoll it-termini tal-posta elettronika tal-avukat tar-rikorrent tal-istess jum lill-President tal-Bord tal-Appell, li tesponi r-raġunijiet għalfejn huwa kien iqis li l-kwistjoni tan-nullità kellha tiġi deċiża b'mod prijoritarju, b'tali mod li ma kienx jgħamel sens li tinżamm seduta fil-kawżi l-oħra qabel tmiem is-sena, huwa wkoll tali li jaqleb il-preżunzjoni ta' aċċettazzjoni tad-data tal-4 ta' Diċembru 2007.

229 F'tali kuntest ta' oppożizzjoni espliċita u ta' prinċipju għaż-żamma ta' seduta għall-ewwel tliet każijiet biss, il-Bord tal-Appell ma kienx fondat li "jippreżumi" li r-rikorrent ftiehem dwar iż-żamma ta' seduta lejn l-aħħar tal-2007, u wisq inqas dwar terminu iqsar minn dak, minimu, ta' xahar stabbilit fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, għar-raġuni li dan ma rreaġixxiex fi żmien għaxart ijiem kurrenti mid-data meta ntbagħtet il-faks tad-9 ta' Ottubru 2007.

230 B'hekk, mill-eżami taż-żewġ motivi mressqa mill-Bord tal-Appell, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li dawn ma jippermettux li jiġi stabbilit b'mod suffiċjenti fil-liġi li r-rikorrent ftiehem fuq terminu għad-dehra iqsar minn dak minimu ta' xahar stabbilit fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

231 Peress li dan it-terminu minimu għad-dehra ma ġiex osservat, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrent ma ġiex imħarrek b'mod regolari għall-proċedura orali quddiem il-Bord tal-Appell.

232 Għalhekk, l-assenza tar-rikorrent għal din is-seduta ma kinitx tawtorizza lill-Bord tal-Appell sabiex ikompli l-proċedura fin-nuqqas tiegħu. Fil-fatt, mill-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni jirriżulta li l-proċedura ma tistax titkompla *in absentia* ħlief jekk parti "regolarment" imħarrka ma tidhirx.

233 Għalhekk, il-motiv ibbażat, fit-tliet kawżi, fuq ksur ta' din id-dispożizzjoni u tad-dritt għal smigħ huwa fondat, u tali li jwassal għall-annullament tat-tliet deċiżjonijiet ikkontestati.

234 L-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mis-CPVO u mill-intervenjent ma jista' jikkontesta din il-konklużjoni.

235 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument li jgħid li s-sens u l-iskop tat-terminu għad-dehra ġew osservati f'dan il-każ, dan jikser dak li hemm stabbilit fl-Artikolu 59 tar-Regolament ta' implementazzjoni, li jimponi terminu għad-dehra ta' xahar bħala "minimu". Kif jirrileva ġustament ir-rikorrent, in-notifika formali ta' sejħa hija intiża sabiex tiżgura r-regolarità u l-ekwità tal-proċedura, u l-osservanza ta' terminu ta' żmien minimu għandha tagħti lill-partijiet il-possibbiltà li jippreparaw ruħhom b'mod xieraq għall-proċedura orali. Peress li l-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa t-terminu ta' żmien neċessarju għal dan il-għan għal minimu ta' xahar, il-Bord tal-Appell ma għandux ipoġġi indiskussjoni din l-evalwazzjoni każ b'każ.

236 It-tieni nett, fir-rigward tal-argument li jgħid li t-terminu minimu għad-dehra "inqabeż" b'jumejn biss, jiġifieri "ħaġa żgħira" li wasslet għal difett proċedurali kkwalifikat bħala "insinjifikanti" mis-CPVO, u li l-invokazzjoni tiegħu mir-rikorrent tikkostitwixxi "manuvra abbużiva", jidher li dan huwa bbażat fuq evalwazzjoni tal-konsegwenzi konkreti tal-ksur ikkonstatat f'dan il-każ mill-imsemmi terminu.

237 Għalhekk, il-ksur ta' dan it-terminu minimu għad-dehra jikkostitwixxi difett proċedurali sostanzjali ta' natura li jwassal għall-annullament tat-tliet deċiżjonijiet ikkontestati, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi stabbilit, barra minn hekk, jekk il-ksur imsemmi kkawżax dannu lir-rikorrent. Tali difett proċedurali sostanzjali huwa relatat, fil-fatt, mal-ksur ta' forma sostanzjali, li l-ksur tagħha jwassal għan-nullità tal-att indipendentement mill-konsegwenzi konkreti tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Solvay, C-287/95 P u C-288/95 P, Ġabra p. I-2391, punti 45 u 46 ; ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Mejju 2007, Il-Parlament vs Eistrup, T-223/06 P, Ġabra p. II-1581, punt 59, u l-ġurisprudenza ċċitata). Sussegwentement, il-ġurisprudenza invokata mis-CPVO ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.

238 F'kull każ, ir-rifjut tar-rikorrent milli jidher għas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2007 ma jistax jiġi kkwalifikat bħala manuvra abbużiva. B'mod kuntrarju, ir-rikorrent kellu motiv leġittimu u fondat li jitlob li jkun hemm sospensjoni tal-proċeduri fit-tliet każijiet inkwistjoni quddiem il-Bord tal-Appell sakemm tiġi adottata deċiżjoni li ttemm l-istanza fil-proċedura għal annullament (Każ A 010/2007).

239 Fir-rigward tar-rifjut ta' din it-talba għal sospensjoni tal-proċeduri fit-tliet każijiet inkwistjoni, il-Bord tal-Appell immotivah b'dan il-mod fid-deċiżjoni dwar it-talba għal revoka (id-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni u d-deċiżjoni ta' ċaħda jirreferu għall-istess motivazzjoni):

"Proċedura ta' appell addizzjonali tinsab pendenti, li fil-kuntest tagħha r-rikorrent jitlob li tiġi ddikjarata n-nullità tal-varjetà LEMON SYMPHONY, b'mod konformi mal-Artikolu 20 tar-[Regolament]. Peress li jqis li din l-aħħar proċedura hija preliminari fir-rigward tal-proċeduri preżenti, ir-rikorrent jitlob, b'mod konformi mal-Artikolu 106 tar-[Regolament], li dawn jiġu sospiżi sakemm il-proċedura ta' annullament tiġi legalment deċiża.

Din it-talba ma hijiex fondata. L-Artikolu 106 tar-[Regolament] huwa kjarament inapplikabbli. Dan jikkonċerna kawżi quddiem qrati ordinarji. Madankollu, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni prinċipju ġenerali li abbażi tiegħu tkun possibbli sospensjoni tal-proċedura u din tkun taħt id-diskrezzjoni tal-Bord tal-Appell, sospensjoni tal-proċedura ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ. Sospensjoni tal-proċedura tippresupponi li jeżisti effett preliminari marbut mal-proċedura l-oħra. Dan ikun il-każ f'din il-kawża biss kieku r-rikors li jikkonċerna n-nullità kien favorevoli għar-rikorrent. Għalhekk, sabiex il-proċedura tiġi sospiża f'dan il-każ, hemm bżonn mill-inqas ta' perspettiva raġjonevoli ta' suċċess. Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża. Il-proċedura għal nullità ma għandhiex tiġi ppremjata, peress li, għar-raġunijiet esposti f'din id-deċiżjoni, ma jeżistix id-dritt li jintalab [lis-CPVO] li jagħti deċiżjoni li abbażi tagħha t-titolu ta' drittijiet tal-varjetà ta' pjanti kkontestata LEMON SYMPHONY għandu jiġi ddikjarat null u ineffettiv."

240 Għalhekk, kif diġà ġie indikat fil-punt 98 iktar 'il fuq, it-tliet kawżi inkwistjoni f'dan il-każ huma relatati mal-Kawża T-242/09 (proċedura għal annullament tal-LEMON SYMPHONY) b'relazzjoni ta' dipendenza, peress li r-riżultat ta' din huwa effettivament determinanti għar-riżultat tal-kawżi l-oħra.

241 Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell ma kkontestax l-eżistenza ta' din ir-relazzjoni ta' dipendenza, fit-tliet deċiżjonijiet ikkontestati. Dan anzi mmotiva r-rifjut tat-talba għal sospensjoni tal-proċedura bil-kunsiderazzjoni li l-proċedura għal annullament ma kellha ebda "perspettiva raġjonevoli ta' suċċess", b'tali mod li din ma setgħet fl-ebda każ tolqot b'mod favorevoli l-pożizzjoni tar-rikorrent fit-tliet każijiet l-oħra.

242 Madankollu, meta għamel hekk, il-Bord tal-Appell ippreġudika b'mod gravi d-deċiżjoni li kellu jadotta fil-kuntest tal-proċedura msemmija, meta din kienet għadha fil-bidu tagħha.

243 Barra minn hekk, irriżulta li dan il-preġudizzju kien żbaljat, fil-fatt u fid-dritt. Fil-fatt, il-motiv invokat sabiex tiġi ġġustifikata din l-evalwazzjoni, jiġifieri, essenzjalment, li r-rikorrent ma kellux id-dritt li jitlob lis-CPVO għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament, lanqas biss ma ġie kkunsidrat mill-Bord tal-Appell, diversament kompost, fid-Deċiżjoni A 10/2007, sabiex jiġġustifika ċ-ċaħda tal-appell ippreżentat kontra d-deċiżjoni dwar it-talba għal annullament. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell jidher li ċaħad il-motiv inkwistjoni bħala infondat, fil-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni A 010/2007, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2008, Federación de Cooperativas Agrarias de la Comunidad Valenciana vs CPVO – Nador Cott Protection (Nadorcott) (T-95/06, Ġabra p. II-31), li l-punt 81 tagħha jistabbilixxi li, "skond l-Artikoli 20 u 21 tar-regolament […], wara li jkunu ngħataw id-drittijiet u independentament minn azzjoni meħuda quddiem il-Bord ta' l-Appell, kull persuna tista' tistieden lis-CPVO sabiex jiddikjara tali għoti ta' drittijiet null u invalidu jew li jippriva l-propjetarju mid-drittijiet tiegħu, billi ssostni li l-imsemmija drittijiet ingħataw lill-varjetà li ma tissodisfax il-kriterji materjali tal-Artikoli 7 u 10 tal-imsemmi regolament".

244 Għalhekk, ir-rikorrent kellu motiv leġittimu u fondat sabiex jopponi ruħu għaż-żamma ta' seduta fl-4 ta' Diċembru 2007. Min-naħa l-oħra, u huma x'inhuma l-motivazzjonijiet profondi għad-deċiżjoni tagħha, il-President tal-Bord tal-Appell għamlet użu mhux xieraq, saħansitra abbużiv, tas-setgħa tagħha meta ppretendiet li żżomm seduta f'dik id-data, minkejja l-oġġezzjonijiet raġjonevoli u fondati tar-rikorrent.

245 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-motiv, komuni għall-Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 59 tar-Regolament ta' implementazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża huwa fondat.

246 Konsegwentement, għandhom jiġu annullati t-tliet deċiżjonijiet ikkontestati fil-kuntest tal-Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08, mingħajr ma hemm il-bżonn għalhekk li tingħata deċiżjoni dwar il-motivi u l-argumenti l-oħra tar-rikors.

Fuq is-segwitu li għandu jingħata lit-tieni parti tal-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors fil-Kawża T-133/08

247 Is-CPVO jsostni li r-rikors fil-Kawża T-133/08 huwa inammissibbli sa fejn jitlob, permezz tat-tieni parti tal-ewwel kap tat-talbiet tiegħu, l-annullament tad-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni. Anki jekk jitqies li r-rikorrent kien ġustifikat li jressaq appell quddiem il-Bord tal-Appell kontra din id-deċiżjoni, *quod non*, ma huwiex prevedibbli, skont is-CPVO, li l-Qorti Ġenerali tannullaha, peress li l-Bord tal-Appell ma adottax deċiżjoni f'dan ir-rigward. Skont is-CPVO, hemm bżonn li l-Bord tal-Appell jkun fil-fatt adotta deċiżjoni, ipotetikament illegali, sabiex id-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni tkun tista' tiġi ddikjarata nulla.

248 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, bit-tieni parti tal-ewwel kap tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali sabiex tadotta d-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell tas-CPVO kellu jadotta, jiġifieri deċiżjoni li tiddikjara nulla d-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni. Għalhekk, hemm lok li jiġi konkluż li, b'din il-parti tal-ewwel kap tat-talbiet, ir-rikorrent jitlob ir-riforma tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, abbażi tal-kompetenza mogħtija lill-Qorti Ġenerali mill-Artikolu 73(3) tar-Regolament, li jgħid li l-Qorti Ġenerali hija kompetenti kemm sabiex tannulla kif ukoll sabiex tirriforma d-deċiżjoni A 007/2007.

249 Il-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta' din it-tieni parti tal-ewwel kap tat-talbiet għalhekk tinsab fl-istess termini bħal dik tal-ammissibbiltà tal-kapijiet tat-talbiet simili intiżi għar-riforma tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), fil-proċedimenti dwar it-trade mark Komunitarja, abbażi tal-kompetenza mogħtija lill-Qorti Ġenerali mill-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009, li l-kliem tiegħu huwa identiku għal dak tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament.

250 Għalhekk, fir-rigward ta' dawn il-proċedimenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs UASI (C-263/09 P, Ġabra p. I-5853, punt 72), li s-setgħa ta' bdil mogħtija lill-Qorti Ġenerali ma għandhiex bħala effett li tagħti lill-din il-qorti s-setgħa li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Bord tal-Appell u lanqas li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-imsemmi Bord tal-Appell għadu ma ddeċidiex. L-eżerċizzju tas-setgħa ta' bdil għandu konsegwentement, bħala prinċipju, ikun limitat għas-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarrġet l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell, tkun f'pożizzjoni li tiddetermina, fuq il-bażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi kif stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jadotta.

251 F'dan il-każ, kif ġustament irrileva s-CPVO, il-Bord tal-Appell ma ddeċidiex dwar il-kwistjonijiet fil-mertu dwar il-legalità tad-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni.

252 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok għalfejn tintlaqa' l-parti tal-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors fil-Kawża T-133/08 intiża għall-annullament tad-deċiżjoni dwar l-aġġustament tad-deskrizzjoni [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Edwin vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 74, li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2009, Fiorucci vs UASI – Edwin (ELIO FIORUCCI), T-165/06, Ġabra p. II-1375, punt 67].

Fuq l-ispejjeż

L-argumenti tal-partijiet

253 F'kull waħda mill-erba' kawżi magħquda, is-CPVO jitlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddikjara li s-CPVO għandu jbati biss l-ispejjeż tiegħu fil-każ u sa fejn tiġi milqugħa xi waħda mit-talbiet tar-rikors.

254 Ir-rikorrent isostni li din it-talba ma hijiex immotivata u li ma hemm ebda raġuni manifesta għalfejn jiġi miċħud lilu r-rimbors tal-ispejjeż tiegħu jekk jirbaħ il-kawża.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

255 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

256 Skont l-Artikolu 87(4) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tordna li parti intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

257 Skont l-Artikolu 136 tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli meta jsir rikors kontra s-CPVO abbażi tal-Artikolu 130 tagħhom, meta jintlaqa' rikors dirett kontra deċiżjoni ta' Bord tal-Appell, il-Qorti Ġenerali tista' tordna li s-CPVO għandu jbati biss l-ispejjeż tiegħu stess.

258 Fid-dawl taċ-ċirkustanza doppja li, min-naħa waħda, ir-rikorrent tilef it-talbiet tiegħu fil-kuntest tal-Kawża T-242/09, li r-riżultat tagħha kien determinanti għar-riżultat tat-tliet kawżi l-oħra, u li, min-naħa l-oħra, is-CPVO u l-intervenjent tilfu l-parti essenzjali tat-talbiet tagħhom fil-kuntest tat-tliet kawżi l-oħra, issir applikazzjoni ġusta tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq jekk jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Komunità ta' Varjetajiet ta' Pjanti (CPVO) tat-23 ta' Jannar 2009 (Każ A 010/2007), dwar talba għal annullament tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħti lill-varjetà LEMON SYMPHONY, huwa miċħud.

2) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 007/2007), dwar kontestazzjoni tad-deċiżjoni ta' aġġustament *ex officio* tad-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà LEMON SYMPHONY fir-Reġistru tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti, hija annullata.

3) Ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni huwa miċħud għall-bqija.

4) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 006/2007), dwar talba għar-revoka tad-dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità mogħti lill-varjetà LEMON SYMPHONY, hija annullata.

5) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 005/2007), dwar applikazzjoni għal dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għall-varjetà SUMOST 01, hija annullata.

6) Kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Forwood Dehousse Schwarcz

Mogħtija f'Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Settembru 2012.

Firem

Werrej

Il-kuntest ġuridiku 2

Il-fatti li wasslu għall-kawża 3

Proċeduri amministrattivi quddiem is-CPVO 3

Il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO fil-Każijiet A 005/2007, A 006/2007 u A 007/2007 7

Il-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO fil-Każ A 010/2007 12

Il-proċedura 16

It-talbiet tal-partijiet 17

Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar ir-relazzjonijiet eżistenti bejn l-erba' kawżi magħquda u dwar l-ordni li fih dawn għandhom jiġu eżaminati 18

Kawża T-242/09 19

Fuq l-ammissibbiltà 19

Fuq il-mertu 20

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 76 u 81 tar-Regolament 20

– L-argumenti tal-partijiet 20

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 22

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 20 u 7 tar-Regolament 29

– L-argumenti tal-partijiet 29

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 29

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament 29

– L-argumenti tal-partijiet 29

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 30

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 63(1) u (2) tar-Regolament ta' implementazzjoni 30

– L-argumenti tal-partijiet 30

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 31

Konklużjonijiet fuq il-mertu tal-Kawża T-242/09 32

Kawżi T-133/08, T-134/08 u T-177/08 33

Fuq il-mertu tar-rikorsi 33

Espożizzjoni ġenerali tad-diversi motivi tar-rikorsi 33

Fuq il-motiv, komuni għat-tliet rikorsi, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni u tad-dritt għal smigħ 33

– L-argumenti tal-partijiet 33

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 35

Fuq is-segwitu li għandu jingħata lit-tieni parti tal-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors fil-Kawża T-133/08 .. 39

Fuq l-ispejjeż 40

L-argumenti tal-partijiet 40

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali 40